# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 3**

**Rikors numru 271/07 RCP**

**Air Malta p.l.c. (C-2685) u Shield Insurance Company (Guernsey) Limited (Certificate of Registry Number 29918)**

**v.**

**Malta International Airport p.l.c. (C-12663)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li s-socjetajiet rikorrenti Air Malta plc u Shield Insurance Company (Guernsey) Limited ipprezentaw fit-12 ta' Marzu, 2007, fejn ippremettew hekk:

> "1. Illi l-kumpanija rikorrenti Air Malta plc topera l-linja nazzjonali tal-ajru Maltija.
>
> "2. Illi s-socjetà rikorrenti **Shield Insurance Company (Guernsey) Limited** tipprovdi assikurazzjoni lis-socjetà rikorrenti Air Malta plc.

"3. Illi l-kumpanija intimata hija operatur ta' 1' Aerodrome ta' Hal Luqa, ai termini tal-att pubbliku tas-26 ta' Lulju 2002 (anness bhala Dok. 'A').

"4. Illi fit-2 ta' Dicembru 2004, ir-rikorrenti kienet qed topera t-titjira b'referenza Km 100 lejn Londra.

"5. Illi ghal din it-titjira kien qed jintuza l-ajruplan 9HAEJ tat-tip Airbus A319-112.

"6. Illi l-Ajruplan wara li ghabba l-passigieri u bagalji u sar it-taxing fuq ir-runway beda l-process ta' take off wara illi kien inghata il-clearances kollha mehtiega. Hekk kif l-ajruplan qata' l-kuntatt minn ma' l-art qatgha mdaqqsa ta' sturnell taret ghal gol-'fly path' tal-ajruplan. L-incident sehh fis-7.05 a.m. (ara Dok 'B' Air Safety Occurrence Report' ippreparat mill-Kaptan Lino Busuttil).

"7. Illi minhabba dan il-fatt l-ajruplan garrab hsarat sostanzjali fl-istruttura tieghu (ara Dok 'C' illi huwa Compact Disk illi jinkludi ritratti tal-partijiet ddannegati tal-ajruplan) u sahansitra pperikola l-hajja tal-ekwipagg u passiggieri.

"8. Illi x-xoghlijiet ta' tiswija fuq l-ajruplan ammontaw ghal mija u sebat elef hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm107,551.36) konsistenti f'parts godda u xoghol ta' tiswija (ara Dok 'D' illi huwa prospett dettaljat tax-xoghlijiet ta' tiswija illi ghandu mehmuz mieghu diversi invoices u bosta konfermazzjonijiet ta' hlas).

"9. Illi r-rikorrenti **Shield Insurance Company (Guernsey) Limited** bhala assikuratrici tar-rikorrenti l-ohra **Air Malta plc** hallset parti minn dan l'ammont dovut sabiex jissewwew il-hsarat inkorsi mill-ajruplan, u ezattament hallset l'ammont ta' wiehed u hamsin elf disa' mija u wiehed u sittin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm51,961.33) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tar-rikorrenti Air Malta plc kontra l-intimata.

"10. Illi d-differenza ta' hamsa u hamsin elf hames mija u disghin Lira Maltija u tliet centezmi (Lm 55,590.03) thallsu mir-rikorrenti **Air Malta plc**.

"11. Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-kumpanija intimata u dan minhabba illi ma osservatx l-obbligi taghha bhala operatur tal-aerodrome ta' Hal Luqa.

"12. Illi bhala operator ta' aerodrome bhalma hi dik ta' Hal Luqa, l-intimata **Malta International Airport plc** hija obligata tosserva t-termini tal-*Convention on International Civil Aviation*, u dan ai termini ta' artiklu 8. (1) a) ta' 'l fuq imsemmi att publiku.

"13. Illi jirrizulta minn tali Konvenzjoni illi operatur ta' aerodrome bhalma hija l-intimata **Malta International Airport plc** ghandha:

(i) Timmantjeni u tissorvelja l-Aerodrome sabiex l-istess tkun fi stat tali illi tkun tista' tintuza ghal l-iskop taghha minghajr periklu ghall-ajruplani hekk kif inhu minnha mistenni, u senjatament tipprovdi, timmantjeni u tassikura kull mezz illi huwa previst u preskritt f'Annex 14 Kap 9 tal-*Convention on International Civil Aviation* u b'mod partikolari *Airport Services Manual - Part 3 - Bird Control and Reduction* (hawn annessi bhala Dok. 'E').

(ii) Tosserva t-termini tal-Convention on International Civil Aviation', senjatament Annex 14 Kap 9 u l-provvedimenti relattivi dwar 'Bird Strike Reduction' senjatament l-obbligi taghha ta' gbir ta' informazzjoni dwar possibbilta' ta' Bird Strike.

"14. Illi in kwantu ghal punt 13 (i); kif ser jigi ippruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-mezzi kollha xierqa preskritti mill-Konvenzjoni kif ukoll *Part 3 ta' l-Airport Services Manual dwar 'Bird Control and Reduction*' ma kienux fis-sehh, jew minghajr pregudizzju ghal din is-sottomissjoni; l-unici mezzi ta' 'Bird Strike Reduction' li kienu fis-sehh ma' kienux adegwati sabiex jkun hemm *dispersal* ta' ghasafar minn fuq l-airfield.

"15. Illi l-uniku mezz ta' *Bird Control and Reduction* illi kien jezisti kien *truck* illi kien jintuza sabiex ibezza l-ghasafar illi kienu jingabru fl-aerodrome u dan permezz ta' xi mekkanizmu illi jaghmel storbju. Kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza, f'bosta drabi s-sewwieq ta' dan it-truck kien indispost u tali truck ma kienx qed jopera frekwentament, apparti l-fatt illi l'uzu ta' tali truck ma jissustix f'mezz adekwat ta' Bird Reduction hekk kif espletat fil fuq imsemmi Airport Services Manual ghaliex kull ma kien jigri hu li l-ghasafar jitgerrxu minn post u jmorru f'post iehor fuq l-istess runway!

"16. Illi in kwantu ghal punt 13 (ii) minhabba l-fatt illi hi ma osservatx id-diversi dmirjiet taghha fl-imsemmija Konvenzjoni, il-kumpanija intimata ma kinetx f'posizzjoni tissuplixxi l-informazzjoni necessarja lil bdoti tal-ajruplani imsemmi f'hin utli u bhala konsekwenza ta' dan l-ajruplan sofra l-hsarat msemmija.

"17. Illi inoltre l-kumpanija intimata bhala operatur tal-imsemmi aerodrome kellha dover legali ai termini tal-Convention on International Civil Aviation, senjatament Annex 14 Kap 9 u senjatament artiklu 9.4.1 b) illi jkollha sistema ta' gbir ta' informazzjoni dwar il-prezenza ta' tajr illi setghu jikkostitwixxu 'Bird Strike Hazard' li jkun ta' periklu ghall-ajruplani u konsegwentement tgharraf lil bdoti tal-ajruplan illi kien hemm prezenza perikoluza ta' tajr vicin ir-runway.

"18. Illi kien biss wara l-incident odjern u cioe' f'Mejju u f'Gunju tat-2005 illi l-kumpanija intimata harget Safety Instructions SI 001/205 u

SI 003/2005 ghal '*Bird Activity Control and Bird Strike Reporting*' (annessi bhala Dok 'F').

"19. Illi l-bdoti tal-ajruplan imsemmi u titjiriet sussegwenti kienu informati illi kien hemm '*bird activity over the airfield*' biss wara illi gara l-incident. L-incident sehh fis 7.05 am waqt illi l-informazzjoni inghatat fuq il-frekwenza ATIS fis 7.10 am (ara Dok 'G'), meta l-ajruplan kien digà ghamel it-take off. Tali informazzjopni inghatat biss wara illi l-bdoti kienu taw informazzjoni illi kien gara l-incident odjern.

"20. Illi minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti in kwantu ghall-mod kif huma qed jirradikaw il-bazi legali ghar-responsabbilta' allegata tal-intimata **Malta International Airport plc**, ghandu jigi rrilevat illi 'l fuq imsemmija obbligi jissusistu wkoll fil-gradi ta' prudenza, diligenza u hsieb preskritti mil-ligi Maltija. L-istandards u l-obligi preskritti mill-Konvenzjoni huma osservati internazzjonalment u jissustistu bhala prassi internazzjonali fl-avjazzjoni. Ghaldqastant, jekk kien hemm standard/s ta' komportament taht il-ligi Maltija ghal operatur ta' Aerodrome dawn l-istandard/s u obbligi ghandhom ikunu dawk preskritti minn din il-Konvenzjoni Internazzjonali. Ghaldaqstant tali nuqqas ta' osservazzzjoni ta' standards u obbligi jikkostitwixxi ksur tad-dmirijiet u obbligi tal-intimata **Malta International Airport plc** bhala operatur ta' aerodrome taht il-ligi Maltija.

"21. Illi ghalkemm ir-rikorrenti interpellaw lil intimata, sabiex preliminarjament jinfurmawha dwar is-sistemi li kellha fis-sehh ghall-bird dispersal, anke permezz ta' ittra legali datata 8th November 2006 u ittra ufficjali datata 22 ta' Awwissu 2006 (annessa bhala Dok. "H") u sabiex taddivjeni ghall-hlas ta' danni minnha kkawzati, l-intimata baqghet inadempjenti.

"Ghaldaqstant in vista tal-premessi ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

"(i) tiddikjara illi dakinhar tal-incident l-intimata Malta International Airport plc ma kelliex fis-sehh sistema ta' bird strike reduction skont il-ligi, u konsegwentement;

"(ii) tiddikjara illi l-incident li fih garrab hsarat l-ajruplan 9H-AEJ tat-tip Airbus A319-112 proprjetà tal-kumpanija rikorrenti **Air Malta plc** sehh tort tal-kumpanija intimata;

"(iii) tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti **Air Malta plc** id-danni sofferti minnha konsistenti fl-ammont hamsa u hamsin elf hames mija u disghin Lira Maltija u tliet centezmi (Lm55,590.03) jew somma verjuri, konsistenti fl-ispejjez illi ntefqu mill-kumpanija rikorrenti sabiex jissewwa l-imsemmi ajruplan.

"(iv) Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti **Shield Insurance Company (Guernsey)** Limited d-danni sofferti minnha konsistenti fl-

ammont ta' wiehed u hamsin elf disa' mija u wiehed u sittin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm51,961.33) jew somma verjuru, kif surrogata fid-drittijiet tar-rikorrenti Air Malta plc konsistenti f'rimbors ta' spejjes illi ntefqu mill-kumpanija rikorrenti sabiex jissewwa l-imsemmi ajruplan.

"Bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awwissu 2006 u bl-ispejjez ghall-intimat illi d-diretturi taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni".

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà Malta International Airport plc, datata l-1 ta' Ottubru, 2007, li fiha jinghad hekk:

"Difiza

"1. Illi s-socjetà ntimata mhix responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante li osservat u qdiet l-obbligi kollha taghha bhala operatur tal-ajruport internazzjonali ta' Malta u mxiet bil-grad ta' diligenza rikjest mil-ligi.

"2. Illi dan l-incident sehh unikament minnabba ragunijiet li ma kienux fil-kontroll tas-socjetà ntimata;

"Il-Fatti

"1. Illi fir-rigward tal-paragrafu 1 tar-rikors promotur ("ir-Rikors"), is-socjetà ntimata m'ghandhiex x'tirrispondi.

"2. Illi fir-rigward tal-paragrafu 2 tar-rikors, jispetta lis-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c. sabiex tipprova li Shield Insurance Company (Guernsey) Limited hija l-assikuratrici taghha.

"3. Illi fir-rigward tal-paragrafu 3 tar-rikors, mhux minnu li s-socjetà ntimata hija l-operatur tal-aerodrome ta' Hal Luqa ai termini tal-att pubbliku tas-26 ta Lulju 2002 (anness mar-rikors promotur), ghaliex l-iskop ta' dak l-att pubbliku huwa t-trasferiment ta' art mill-Gvern ta' Malta lissocjetà ntimata, u mhux li jaghti licenzja ghall-operazzjoni tal-ajruport.

"4. Illi l-imsemmi att pubbliku huwa bejn il-Gvern ta' Malta u s-socjetà ntimata, u ghaldaqstant huwa *res inter alios acta* ghar-rikorrenti Air Malta p.l.c u Shield Insurance Company (Guernsey) Limited, u ma jtihom l-ebda drittijiet stante li *res inter alios acta, aliis nee nocet nee prodest.*

"5. Illi l-paragrafi 4 u 5 tar-rikors mhux kontestati.

"6. Illi fir-rigward tal-paragrafu 6 tar-rikors, is-socjetà ntimata m'ghandhiex x'tirrispondi stante li mhix hi li taghti l-*clearances* mehtiega ghal *take-off* ta' ajruplan.

"7. Illi fir-rigward tal-paragrafu 7 tar-rikors, jispetta lis-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c. sabiex tipprova li l-ajruplan garrab hsarat strutturali u li dawn il-hsarat huma konsegwenti ghall-incident in kwistjoni u ulterjorment, li l-hajja tal-ekwipagg u l-passiggieri kienet fil-periklu.

"8. Illi fir-rigward tal-paragrafu 8 tar-rikors, jispetta lis-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c. sabiex tipprova li l-ammont pretiz huwa veritjier u li jirrifletti l-hlasijiet ghal parts godda u xoghol ta' tiswijia, li kienu necessarji bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni. Jispetta wkoll lill-istess rikorrenti tipprova li hi qdiet l-obbligu taghha li timmitiga d-danni li allegatament garrbet.

"9. Illi fir-rigward tal-paragrafu 9 tar-rikors, jispetta lir-rikorrenti Shield Insurance Company (Guernsey) Limited sabiex tipprova li sar il-hlas ta' wiehed u hamsin elf, disa' mija u wiehed u sittin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm51,961.33) sabiex tigi surrogata fid-drittijiet tar-rikorrenti Air Malta p.I.e.; u illi mhux car ghaliex l-assikuratrici tar-rikorrenti Air Malta p.l.c. allegatament hallset biss anqas minn hamsin fil-mija (50%) tal-ammont pretiz mir-rikorrenti.

"10. Illi fir-rigward tal-paragrafu 10 tar-rikors, jispetta lis-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c. sabiex tipprova li hallset l-ammont ta' hamsa u hamsin elf, hames mija u disghin lira Maltija u tliet centezmi (Lm55,590.03).

"11. Illi l-paragrafu 11 tar-rikors huwa kkontestat stante li s-socjetà ntimata osservat l-obbligi kollha taghha bhala operator tal-aerodrome ta' Hal-Luqa u ghalhekk mhix responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

"12. Illi l-paragrafi 12 u 13 tar-rikors huma kkontestati stante li minkejja l-fatt li t-termini tal-*Convention on International Civil Aviation* huma biss rakkomandazzjonijiet u mhux obbligazzjonijiet legali u li, kif inghad aktar 'il fuq, l-att pubbliku msemmi huwa *res inter alios acta* ghar-rikorrenti, is-socjetà ntimata xorta wanda kienet, u ghadha, tosserva dawn ir-rakkomandazzjonijiet fl-operazzjoni tal-ajruport.

"13. Illi fir-rigward tal-paragrafu 14 tar-rikors, filwaqt li s-socjetà ntimata tirrileva li l-proceduri ghadhom m'humiex fi stadju ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrenti jehtieg li jghazlu liema triq fi hsiebhom jallegaw sabiex is-socjetà ntimata tkun tista' tiddefendi ruhha skont l-allegazzjoni, liema allegazzjoni, ossia sottomissjoni, ma tistax tkun fl-alternattiv - ma jistax wiehed jippremetti li ma kienx hemm fis-sehh mezzi ta' *bird control* and *reduction* preskritti, u fl-istess nifs jippremetti li l-mezzi li kien hemm fis-sehh sabiex ikun hemm dispersal ta' ghasafar minn fuq l-*airfield* ma kienux adegwati. Dan il-paragrafu huwa kkontestat stante li, kif ser jintwera matul dawn il-proceduri, is-

socjetà ntimata kienet, qabel iz-zmien tal-incident, u ghadha sal-lum, timplimenta mezzi ta' *bird hazard reduction* u ta' *bird dispersal* li kienu/huma xierqa u adegwati ghall-ajruport operat mis-socjetà ntimata.

"14. Illi ghalkemm is-socjetà ntimata hija l-operatur tal-ajruport in kwistjoni, fejn jidhlu operazzjonijiet li jinvolvu moviment ta' vetturi fuq it-*taxiways*, u *runways* tal-ajruport, dawn huma fil-kontoll tal-Malta Air Traffic Services Ltd ("MATS") bhala air traffic controllers, u mhux kontrollati mis-socjetà ntimata.

"15. Illi konsegwentement, sabiex issir *inspection* tar-*runways* (li tinkludi operazzjoni ta' dispersal ta' ghasafar minn go l-aerodrome), l-operatur tal-vettura li tintuza jirrikjedi l-permess tal-MATS sabiex ikun jista' joqrob lejn u jidhol/johtrog minn fuq ir-*runway*.

"16. Illi fil-jum tal-incident in kwistjoni, l-operatur tal-vettura li tintuza ghal *dispersal* ta' ghasafar kien lest sabiex iwettaq l-ewwel *inspection* tal-gurnata qabel l-ewwel titjira izda, ghal xi raguni, il-MATS minflok tat il-permess lil din il-vettura sabiex issir l-*inspection* (kif jitlob l-ahjar interess tas-sigurtà), iddecidiet li tichad il-permess lil din il-vettura li toqrob ir-runway u minflok ghaddiet biex taghti *clearance* lill-ajruplan in kwistjoni sabiex jaghmel it-*take off* tieghu.

"17. Illi huwa evidenti allura illi l-incident sehh, mhux ghaliex il-mezzi ta' *bird dispersal* ma kienux xierqa u adegwati ghall-ajruport, izda ghaliex is-socjetà ntimata ma thallhietx taghmel l-inspection, u dan ghal ragunijiet li ma kienux fil-kontroll tas-socjetà ntimata.

"18. Illi s-socjetà ntimata ma gietx infurmata bir-raguni ghaliex ma nghatatx permess toqrob lejn ir-*runway* sabiex taghmel l-*inspection* - mentri f'okkazjonijiet ohrajn, bhal per ezempju t-titjira AMC640 u AMC568, fil-15 ta' Settembru 2004 u AMC100 tal-4 ta' Novembru 2004, il-MATS tat permess li ssir l-*inspection*, minkejja l-fatt illi dan irrizulta f'xi perijodu ta' delay ghal dawn it-titjiriet. Madankollu, wiehed ma jistax hlief jaqbel illi ahjar li titjira jkollha xi *delay* milli tinkorri *bird strike* kif sehh fl-incident in kwistjoni.

"19. Illi f'attentat tar-rikorrenti Air Malta p.l.c. li jallegaw illi l-mizuri ta *bird reduction* u *bird control* ma kienux adegwati, kienu sahansitra ddikjaraw, f'ittra datata 5 ta' April 2005, annessa u mmarkata Dokument "A", illi mizuri ta' *dispersal* li huma *fixed*, (ghal kuntrarju ta' vettura, bhalma hi uzata mis-socjetà ntimata, li hija *mobile*), huma aktar effikaci, filwaqt illi dan huwa michud b'mod car f'ittra annessa ma messagg elettroniku datat 3 ta' Marzu 2006 mibghuta lis-socjetà ntimata mis-socjetà estera Scarecrow Bio-Acoustic Systems, liema s-socjetà tipprovdi l-apparat ghal *bird dispersal* lis-socjetà ntimata, liema messagg u ittra huma mmarkati Dokument "B".

"20. Illi ghalkemm id-direttur tal-avjazzjoni civili kien tal-parir li metodu ta' *bird reduction* u *bird control*, li seta' jkun aktar effikaci, huwa l-culling, fejn wiehed jispara fuq l-ghasafar sabiex joqtolhom, irid jinghad illi ma kienx possibbli li dan il-metodu jigi mplimentat, stante li ai termini tal-Avviz Legali 144 tal-1993, (immarkat Dokument "C"), l-ajruport huwa meqjus "*riserva naturali*", u ai termini tal-Avviz Legali 146 tal-1993, anness u mmarkat Dokument "D", bosta affarijiet, konnessi ma' ghasafar, (fosthom li persuna tkun fil-pussess ta' arma tan-nar u li tikkaccja jew tferi ghasfur), huma pprojbiti li jsiru f' "*riserva naturali*".

"21. Illi l-paragrafu 15 tar-rikors huwa kkkontestat stante li l-mezzi ta' *bird control* u *bird reduction* kienu, u ghadhom, jintuzaw mis-socjetà ntimata b'mod effikaci u bir-regolarita' necessarja, kif juri t-track record ta' *bird strikes* fl-ajruport in kwistjoni.

"22. Illi barra minn hekk, l-allegazzjoni li qed jaghmlu r-rikorrenti, li l-mezzi ta' *bird dispersal* implimentati mis-socjetà ntimata "ma jissustix f'mezz adekwat" ghandha tigi ppruvata - u dan partikolarment fil-kuntest tat-topografija ta' madwar l-ajruport in kwistjoni.

"23. Illi c-cirkostanzi juru, b'mod l-aktar car, illi l-mezzi ta' *bird dispersal* li kienu fis-sehh gewwa l-ajruport fiz-zmien tal-incident kienu u ghadhom effettivi u adegwati. Dan huwa evidenti mill-fatt illi jsiru medja ta' madwar tmienja u ghoxrin elf (28,000) *take-offs* u *landings* minn ajruplani gewwa l-ajruport, kull sena, u qatt ma nqalghu incidenti, (hlief ghal xi ncidenti minuri, li certament mhux komparabbli ma' dak in kwistjoni).

"24. Illi l-kwantita' ta' ghasafar (partikolarment l-isturnell, li huwa rikonoxxut bhala *pest*) matul is-sena, u partikolarment f'dak iz-zmien tas-sena meta sehh l-incident in kwistjoni, tkun dejjem kbira, kif kienet dak inhar tal-incident, u meta wiehed jikkunsidra l-ammont ta' *aircraft movements*, flimkien mat-*track record* ta' *bird strikes*, ma jistax hlief jikkonkludi li l-ajruport in kwistjoni juza mizuri effettivi sabiex jassikura s-sigurta' u jigu evitati l-possibilitajiet ta' *bird strikes*.

"25. Illi, l-paragrafi 16, 17 u 18 tar-rikors huma kkontestati stante s-socjetà ntimata kienet tigbor informazzjoni dwar *bird activity* ma' kull *inspection* li kienet issir, kif ukoll fiz-zmien ta' bejn dawn l-*inspections* u f'kull okkazjoni ta' *bird strike*.

"26. Illi r-rikorrenti ghandhom jipprovaw, b'mod car, minn fejn johrog l-"*obbligu legali*" imsemmi fil-paragrafu 17 tar-rikors, u liema ligi hi li timponi dan l-obbligu fuq is-socjetà ntimata.

"27. Illi fil-fatt, bhala konsegwnza tal-informazzjoni dwar *bird activity* u *bird strike hazard* li s-socjetà ntimata kienet tghaddi lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili, il-possibbiltà li jkun hemm *bird activity* li jista' jwassal ghal *bird strike*, partikolarment fix-xhur ta' Ottubru u Novembru, kienet

specifikatament senjata fl-Aeronautical Information Publication ("AIP"), dokument ta' nformazzjoni maghmul ghall-bdoti li ser itiru minn jew ghal xi ajruport, (estratt relevanti mmarkat Dokument "E"); u ghandu jigi rilevat li l-incident in kwistjoni sehh proprju jumejn wara t-tmiem ta' Novembru.

"28. Illi l-AIP kien facilment accessibbli ghall-bdoti tat-titjira KM100 tat-2 ta' Dicembru 2004, u ghalhekk mhux minnu li l-informazzjoni necessarja ma nghatatx lill-bdoti f'hin utli.

"29. Illi barra minn hekk, skont Annex 2 tal-istess *Convention on International Civil Aviation* li jikkwotaw ir-rikorrenti, (estratt mmarkat Dokument "F"), huwa d-dmir tal-pilot in command illi jsir familjari mal-informazzjoni kollha a dispozizzjoni tieghu, rigwardanti l-*intended operation*, qabel ma jibda t-titjira, liema nformazzjoni zgur li ghandha tinkludi dik kontenuta fl-AIP.

"30. Illi fir-rigward tal-paragrafu 19 tar-rikors, is-socjetà ntimata ma setghetx tohrog avviz fuq il-frekwenza ATIS, stante li hija l-MATS li ghandha l-apparat necessarju sabiex tohrog dawn l-avvizi, u lanqas setghet taghti rakkommandazzjoni sabiex il-MATS tohrog tali avviz, stante li ma kellhiex dik l-informazzjoni minhabba li ma thallhietx taghmel l-*inspection* sabiex tikkonferma jekk hemmx *bird activity* fil-vicinanzi tar-runway jew le.

"31. Illi in oltre, il-post ta' fejn huma (u kienu fi zmien l-incident) stazzjonati l-Apron Management Unit, mghammar minn impjegati tal-MATS, jahbat ezatt faccata tal-parti tar-*runway* fejn sehh l-incident in kwistjoni. Peress illi dak inhar il-vizibilita' kienet tajba, skont ir-rapport tat-temp mahrug mill-ufficcju Meteorologiku ghal dak inhar, (u mmarkat "Dokument "G"), is-socjetà ntimata stenniet li ghall-inqas, jekk kemm-il darba ma thallhietx li ssir inspection tar-runway, il-MATS kellha konferma viziva mill-pozizzjoni taghha li ma kienx hemm bird activity, u jekk ma kellhiex tali konferma, ghaliex setghet tara li hemm bird activity; il-MATS kellha d-dmir li tohrog avviz relattiv, u jekk kemm-il darba ma setax jigi determinat jekk kienx hemm *bird activity* jew le, il-MATS kellha, fl-ahjar interess tas-sigurta', tippermetti lill-vettura tas-socjetà ntimata toqrob ir-*runway* sabiex taghmel l-*inspection* kif intalab.

"32. Illi l-paragrafu 20 tar-rikors huwa kkontestat in kwantu s-socjetà ntimata dejjem osservat l-*istandards* u rakkomandazzjonijiet, (mhux obbligi, kif isejhulhom ir-rikorrenti), tal-*International Civil Aviation Organisation*, inkluz dawk tal-*Convention on International Civil Aviation*, ghalkemm dawn huma biss rakkomandazzjonijiet.

"33. Illi, kif jinghad f'paragrafu 20 tar-rikors stess, ir-responsabbiltà tas-socjetà ntimata hija biss allegazzjoni, u wkoll wahda nfondata stante li s-socjetà ntimata ghamlet dak kollu li setghet, u dak kollu li kien fil-kontroll taghha, sabiex jigi evitat l-incident, senjatament illi

kellha fis-sehh sistema ta' gbir ta' nformazzjoni dwar *bird acivity* fl-ajruport, bl-implimentazzjoni ta' mizuri ta' dispersal effikaci, kif juri t-track record ta' *bird strike*, fost affarijiet ohrajn, kif ukoll billi kienet preparata sabiex twettaq inspection qabel it-titjira KM100 fit-2 ta' Dicembru 2004, izda ma nghatatx il-permess illi taghmel din l-*inspection*, liema permess jista' jinghata biss mill-MATS.

"34. Illi l-incident in kwistjoni huwa wiehed sfortunat, li sehh minhabba ragunijiet partikolari kif inghad aktar 'il fuq u kif ser jintwera ahjar matul dawn il-proceduri, izda dan ma jaghtix id-dritt lir-rikorrenti li jattentaw jixhtu r-responsabbilita' fuq is-socjetà ntimata, biss ghaliex sofrew hsara. Is-socjetà ntimata dejjem mxiet, inkluz fil-jum tal-incident, bil-grad ta' diligenza rikjest mil-ligi, tant illi kienet lesta sabiex taghmel inspection li ma thallhietx taghmel, u l-incident li sehh zgur li ma kienx rizultat ta' xi nuqqas jew negligenza da parti tas-socjetà ntimata.

"35. Illi fir-rigward tal-paragrafu 21 tar-rikors u partikolarment b'riferenza ghall-ittra ufficjali tat-22 ta' Awwissu 2006, il-posizzjoni tas-socjetà intimata kienet illi l-Avviz Legali 80 tal-2004, fuq liema avviz strahu r-rikorrenti f'dik l-ittra ufficjali ma kienx dahal fis-sehh qabel l-1 ta' April tal-2005, (permezz tal-avviz legali 62 tal-2005, kopja mmarkata Dokument "H") jigifieri wara d-data tal-incident. Barra minn hekk, id-dispozizzjoni specifika li jirreferu ghaliha r-rikorrenti f'din l-ittra ufficjali, ghadha mhix fis-sehh sad-data ta' din ir-risposta mahlufa. Kopja tar-risposta tas-socjetà ntimata ghal din l-ittra ufficjali tinsab annessa u mmarkata Dokument "I".

"36. Illi s-socjetà ntimata xorta wahda, anke fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, dejjem kienet konformi mad-dispozizzjonijiet tal-Avviz Legali 80 tal-2004, anka qabel dan dahal fis-sehh.

"37. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suespost, is-socjetà intimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u tilqa' r-risposti tas-socjetà intimata.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Air Malta p.l.c. u Shield Insuarnce Comapny (Guernsey) Limited".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Frar, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta mressqin fir-risposta mahlufa taghhom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan in kwantu wkoll inkonsistenti ma' dak hemm deciz, laqghet it-talbiet attrici fis-sens hemm deciz b'dan illi:- (I)

iddikjarat illi dakinhar tal-incident l-intimata Malta International Airport plc ma kelliex fis-sehh sistema ta' *bird strike reduction* adegwata skont il-ligi, u konsegwentement; (II) iddikjarat illi l-incident li fih garrab hsarat l-ajruplan 9H-AEJ tat-tip Airbus A319-112 proprjetà tal-kumpanija rikorrenti Air Malta plc sehh tort tal-kumpanija intimata; (III) ikkundannat lill-intimata thallas lir-rikorrenti Air Malta plc id-danni sofferti minnha konsistenti fl-ammont ta' mija u disa' u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u tmenin euro u erbgha u disghin centezmu (€129,489.94) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin elf, hames mija u disghin Lira Maltija u tliet centezmi (Lm55,590.03) konsistenti fl-ispejjez illi ntefqu mill-kumpanija rikorrenti sabiex jissewwa l-imsemmi ajruplan; u (IV) ikkundannat lill-intimata thallas lir-rikorrenti Shield Insurance Company (Guernsey) Limited, kif surrogata fid-drittijiet tar-rikorrenti Air Malta plc, id-danni sofferti minnha konsistenti fl-ammont ta' mija u wiehed u ghoxrin elf, u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (€121,037.34) ewkivalenti ghal wiehed u hamsin elf, disa' mija u wiehed u sittin Lira Maltija, u tlieta u tletin centezmu (Lm51,961.33) konsistenti f'rimbors ta' spejjez illi ntefqu mill-kumpanija rikorrenti sabiex jissewwa l-imsemmi ajruplan. Bl-ispejjez u imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awwissu 2006 sal-effettiv pagament kontra s-socjetà intimata Malta International Airport p.l.c.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li ser jigu riprodotti, ghall-ahjar intendiment tal-kawza:

> “Illi s-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c. li topera l-linja nazzjonali ta’ l-ajru Maltija u s-socjeta rikorrenti Shield Insurance Company (Guernsey) Limited li tipprovdi assikurazzjoni lis-socjeta rikorrenti Air Malta p.l.c. jsostnu li s-socjetà intimata hija l-operatur tal-*aerodrome* ta’ Hal Luqa skont att pubblikat datat 26 ta’ Lulju 2002 (Dok. “A”). Mill-provi prodotti mill-partijiet, ma hemmx kontestazzjoni dwar incident li sehh fit-2 ta’ Dicembru 2004 u dwar il-fatti li wasslu ghall-istess incident.
>
> “Illi jirrizulta li dak in-nhar is-socjeta attrici Air Malta p.l.c. kienet ser topera titjira KM 100 lejn Londra bl-uzu tal-ajruplan 9HAEJ tat-tip Airbus A319-112. Hekk kif l-ajruplan mghobbi bill-passiggieri ghamel *take off* u nqatgha mill-art, qatgha ta’ sturnell taret ghal fil-"*fly path*" ta’ l-ajruplan bil-konsegwenza illi t-titjira kella tintemm hesrem minhabba ragunijiet ta’ sigurta’, u l-ajruplan eventwalment irritorna lura lejn l-ajruport internazzjonali ta’ Malta. Dan l-incident sehh fis-8.05 am hin lokali.
>
> “Illi s-socjetà attrici tghid li minhabba dan il-fatt l-ajruplan garrab hsarat sostanzjali fl-istruttura tieghu (Dok. “C”) u l-istess incident ipperikola l-hajja ta’ l-ekwipagg u passiggieri. Ix-xogholijiet ta’ tiswija fuq l-ajruplan kienu ammontaw ghal mija u sebat elef hames mija u wiehed u hamsin Lira u sitta u tletin centezmu (LM107,551.36) konsistenti f’parts godda u xoghol ta’ tiswija (ara Dok. “D” konsistenti fi prospett dettaljat tax-xogholijiet ta’ tiswija li ghandu mehmuz mieghu diversi invoices u bosta konfermazzjonijiet ta’ hlas). Is-socjetà rikorrenti Shield Insurances Company (Guernsey) Limited bhala assikuratrici tas-socjetà rikorrenti l-ohra Air Malta p.l.c. hallset parti minn dan l-ammont dovut sabiex jissewwew il-hsarat inkorsi mill-ajruplan u dan fl-ammont ta’ wiehed u hamsin elf disa' mija u wiehed u sittin Lira u tlieta u tletin centezmu (LM 51,961.33) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tas-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c. kontra l-intimata. Ir-rimanenti somma, cioè d-differenza ta’ hamsa u hamsin elf hames mija u disghin Lira u tlett centezmi (Lm 55,590.03) thallsu mis-socjetà rikorrenti Air Malta p.l.c.
>
> “Illi s-socjetajiet rikorrenti issostnu li dan l-incident sehh unikament tort tal-kumpannija intimata u dan minhabba n-non osservanza ta’ l-obbligi taghha bhala operator tal-*aerodrome* ta’ Hal Luqa u f’dan il-kuntest jirreferu ghall-allegata nuqqas ta’ tharis tal-*Convention on International Civil Aviation* u wkoll l-artiklu 8 (1) (a) tal-fuq imsemmi att pubbliku. L-istess socjetajiet rikorrenti jallegaw ukoll li s-socjetà intimata hija responsabbli ghall tali incident minhabba li naqset li

tosserva l-obbligi taghha bhala responsabbli ghall-istess aerdrome bil-prudenza, diligenza u hsieb preskritti mill-ligi Maltija. In-nuqqas ta' osservanza tar-regola tal-Konvenzjoni u n-nuqqas ta' prudenza u diligenza jikkostitwixxu, skont is-socjetajiet attrici ksur tad-dmirijiet u obbligi tas-socjetà intimata Malta International Airport p.l.c. bhala operatur ta' *aerodrome* taht il-Ligi Maltija u dan fis-sens li kienet din in-non-sservanza tas-socjetà intimata li wasslet sabiex sar l-incident *de quo* u allura hemm dan in-ness ta' kazwalita' bejn in-nuqqasijiet da parte tas-socjetà intimata u d-dannu soffert mis-socjetà attrici Air Malta.

"Illi ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti talbu il-hlas tad-danni kkawzati mis-socjetà intimata, li minn naha taghha teccepixxi li hija mhix responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante li osservat u qdiet l-obbligi kollha taghha bhala operatur tal-ajruport internazzjonali ta' Malta u mxiet bil-grad ta' diligenza rikjest mill-ligi u li dan l-incident sehh unikament minhabba ragunijiet li ma kienux fil-kontroll taghha.

"Illi s-socjetà intimata issostni ukoll li t-termini tal-*Convention on International Civil Aviation* huma biss rakkomandazzjonijiet u mhux obligazzjonijiet legali u li l-att pubbliku msemmi huwa wiehed res inter alios acta ghall-atturi, izda minkejja dan l-istess socjeta intimata dejjem irrititeniet li kienet, u ghadha, tosserva dawn ir-rakkomandazzjonijiet fl-operazzjoni taghha fl-ajruport.

"Illi jinghad li s-socjetajiet rikorrenti allegaw li ma kienx hemm fis-sehh mezzi adegwati ta' *bird control* u *bird reduction system* preskritti skont il-Konvenzjoni, u li l-mezzi li kien hemm fis-sehh sabiex ikun hemm "dispersal" ta' ghasafar minn fuq il-mitjar (*airfield*) ma kienux adegwati. Is-socjetà intimata tikkontendi li din l-allegazzjoni fiha nfisha hija kontradittorja.

"Illi s-socjetà intimata qeghda ssostni ukoll li ghalkemm s-socjeta intimata hija l-operatur tal-ajruport in kwistjoni, fejn jidhlu operazzjonijiet li jinvolvu moviment ta' vetturi fuq it-*taxiways* u *runways* tal-ajruport, dawn huma fil-kontroll ta' Malta Air Traffic Services Ltd ("MATS") bhala *air traffic controllers* u mhux kontrollati mis-socjeta ntimata. Konsegwentement sabiex issir inspection tar-*runways* (li tinkludi operazzjoni ta' *dispersal* ta' ghasafar minn gewwa l-*aerodrome*) l-operatur tal-vettura li tintuza jirrikjedi l-permess tal-MATS sabiex ikun jista' joqrob lejn u jidhol/johrog mina fuq ir-*runway*. Fil-jum tal-incident in kwistjoni, skont s-socjetà intimata, l-operatur tal-vettura li tintuza ghal *dispersal* ta' ghasafar kien lest sabiex iwettaq l-ewwel inspection tal-gurnata qabel l-ewwel titjira izda, ghal xi raguni il-MATS minflok tat il-permess li din il-vettura sabiex issir l-*inspection* (kif jitlob l-ahjar interess tas-sigurtà), iddecidiet li tichad il-permess lil din il-vettura li toqrob ir-*runway* u minflok ghaddiet biex taghti *clearance* lill-ajruplan in kwistjoni sabiex jaghmel it-*take off* tieghu. Kien ghalhekk li skont is-socjetà konvenuta sehh l-incident u mhux ghaliex il-mezzi ta' *bird dispersal* ma kienux xierqa u adegwati ghall-

ajruport, izda ghaliex is-socjeta ntimata ma thallietx taghmel spezzjoni u dan ghal ragunijiet liema kienux fil-kontroll tas-socjetà intimata. Is-socjetà rikorrenti Air Malta plc tallega, kif inghad iktar 'l fuq li il-mizuri ta' *bird reduction* u *bird control* ma kienux adegwati, u kienu ddikjaraw dan f'ittra datata 5 ta' April 2005 (Dok. "A") pero` dan, skont s-socjetà intimata huwa michud minnha f'ittra annessa ma' messagg elettroniku datat 3 ta' Marzu 2006 mibghuta lis-socjeta intimata mis-socjeta estera *Scarecrow Bio-Acoustic Systems*, liema socjeta tipprovdi l-apparat ghal *bird dispersal* lis-socjeta intimata (Dok. "B").

"Illi jidher ghalhekk li l-bazi legali tal-azzjoni attrici hija dik naxxenti mir-responsabbilita tas-socjeta konvenuta rizultanti minhabba allegati nuqqas ta' osservanza ta' obbligi kuntrattwali taghha u/jew mill-provi nuqqas ta' responsabbilità anke ta' natura ex delicto.

"Illi s-socjeta konvenuta kkontestat b'certa qawwa dan it-tentattiv da parti tas-socjetajiet attrici li jwessghu il-binarji tal-kawza promossa minnhom stess billi fil-fehma taghhom fir-rikors guramentat promotur ma giet allegata l-ebda responsabbilta da parti tas-socjetà konvenuta a bazi ta' allegat ksur ta' obbligi kuntrattwali jew responsabbilita ta' natura delittwali. Il-kawza giet proposta esklussivament u limitatment fuq allegat obbligu naxxenti minn ligi li kienet tezisti fiz-zmien rilevanti tal-incident.

"Illi huwa veru li fir-rikors guramentat s-socjetajiet attrici ma ghamlu l-ebda riferenza ut sic li d-danni minnhom pretizi kienu naxxenti minn allegat ksur tal-obbligi kuntrattwali assunti mis-socjeta konvenuta jew alternativament minhabba xi negligenza jew imprudenza fl-agir taghhom. Izda dejjem il-fatt li l-punt ta' tluq tal-kawza attrici hu li dakinhar tal-incident is-socjetà konvenuta ma kelliex fis-sehh sistema ta' bird strike reduction skont il-ligi u li konsegwentement l-incident sehh tort taghha. Huwa evidenti li ghas-socjeta konvenuta huma biss il-premessi kif espressament esposti fl-att promotur tar-rikors guramentat illi jiddeterminaw in-natura ta' l-azzjoni attrici. Issa ghalkemm huwa minnu li fl-att promotur is-socjetajiet attrici ma jallegaw l-ebda ksur ta' obbligi kuntrattwali jew xi responsabbilita ta' natura delittwali, l-Qrati taghna mhumiex daqstant rigidi f'kawzi fejn il-mertu jinvolvi kwistjonijiet simili. B'hekk per ezampju fil-kawza "**Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas Castle**" (P.A. - 18 ta' Awissu 1965) gie enuncjat il-principju illi fid-determinazzjoni tan-natura tal-htija u konsegwentemtement fid-determinazzjoni ta' liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli ghall-azzjoni istitwita mid-danneggjat, il-Qorti ma ghandhiex toqghod biss fuq il-premessi esposti mill-attur fl-att promotur izda ghandha tikkunsidra u tapprezza l-fattispecie tal-kaz flintier taghhom. Hekk ukoll fis-sentenza "**Av. Louis Cassar Pullicino nomine vs Angelo Xuereb nomine et**" (A.C. - 20 ta' Frar 2009) gie ritenut illi "*huwa principju stabbilit fis-sistema giuridika nostrali li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-interpretazzjoni giudizzjarja jew iktar bi*

*precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti*."

"Illi in vista tal-gurisprudenza hawn fuq citata din l-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta jghid li ma jarax ostaklu ghall-indagni ta' dina l-Qorti in vista tal-mod kif giet formulata l-azzjoni attrici fir-rikors guramentat promotur u ghalhekk ir-responsabbilità allegata tas-socjeta konvenuta tista' tigi ezaminata mill-allegati aspetti kuntrattwali u/jew delittwali ukoll.

"Illi dwar l-applikabbilita' *o meno tal-Convention on International Civil Aviation* jirrizulta li din il-kawza hija in parti msejsa fuq l-istess Konvenzjoni. Is-socjetajiet attrici jissottomettu illi bhala operatur ta' *aerodrome* bhalma hi dik ta' Hal Luqa, is-socjetà Malta International Airport p.l.c. hija obbligata li tosserva u tapplika dak provdut appositament f din il-Konvenzjoni. In sostenn ta' dan, huma jaghmlu riferenza ghall-att pubbliku tas-26 ta' Lulju 2002 u senjatament l-artikolu 8 (1) (a) li testwalment jipprovdi hekk:-

> ""*The Company is bound for the entire duration of this Deed to provide adequate facilities and services in accordance with generally accepted international industry standards for the efficient operation of the Emphyteutical Site. These shall include an obligation on the Company to, in accordance with generally accepted international industry standards:-*
>
> "*(a) Maintain and provide at all times the Emphyteutical Site facilities and operations in compliance with International Civil Aviation Organisation ("ICAO") regulations from time to time*.""

"Illi s-socjetà konvenuta filwaqt li tishaq illi ma kien hemm ebda ligi fiz-zmien rilevanti tal-incident li tirregola x'kellha tkun is-sistema ta' *bird control*, tissottometti ukoll illi fi kwalunkwe kaz ma kien hemm ebda obbligu impost fuq is-socjetà konvenuta dwar mezzi ta' bird control ghaliex dawk ir-regoli, li skont is-socjetajiet attrici jikkostitwixxu obbligi vinkolanti fuqha, ma huma xejn ghajr rakkomandazzjonijiet li ma kienux jorbtu lis-socjetà konvenuta izda li semmai kienu jimponu xi obbligu fuq l-Istat ta' Malta.

"Illi din il-Qorti thoss li anke jekk ghall-grazzja tal-argument tigi accettata t-tezi tas-socjeta konvenuta fis-sens li l-Konvenzjoni tipprovdi klawzoli ta' natura rakkomandattiva u mhux tassativa, ma hemm l-ebda dubbju illi fil-koncessjoni tal-enfitewsi temporanja fil-kuntratt hawn fuq imsemmi, il-Gvern Malti impona fuq is-socjetà konvenuta l-obbligu espress li topera l-aerodrome ta' Hal Luqa in konformita mar-regolamenti jew anke rakkomondazzjonijiet previsti mill-ICAO b'dan ghalhekk li dak li seta' anke kien biss ta' natura rakkomandattiva certament gie rez jew trasformat f'obbligu legali u vinkolanti li gie assunt mis-socjetà konvenuta permezz ta' kuntratt li sar mal-Gvern Malta dwar l-koncessjoni enfitewtika. L-artiklu 16 tal-

istess kuntratt pubbliku intitolat International Obligations li jipprovdi hekk:-

> “"*Save for the provisions of sub-clause five of clause twenty five (clause 25 [5]) of the Second Part of this Deed, the Company shall at its own cost and without recourse to Government, comply with all international treaty obligations binding on the Republic of Malta relating to airports and airport terminals whic*h directly or indirectly affect the Emphyteutical Site and the operation and management thereof."”

“Illi din il-klawsola turi li l-intenzjoni tal-partijiet f’dan il-kuntratt kien illi s-socjeta konvenuta tassumi l-obbligi internazzjonali tal-Gvern f dan il-qasam u li anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-regoli tal-ICAO kienu biss ta’ natura rakkomandattivia, dawn jigu applikati u adoperati mis-socjeta konvenuta minflok il-Gvern Malti li certament kien obbligat li jhares dawn l-istandards u regolamenti fis-settur in kwistjoni.

“Illi barra minn dan is-socjetà konvenuta teccepixxi u tikkontendi wkoll li l-koncessjoni fil-kuntratt tac-cens fi kwalunkwe kaz kienet teskludi r-*runways, taxiways u parks* u li fuq kollox is-socjetajiet attrici ma jista’ jkollhom l-ebda beneficcju jew rimedju naxxenti mill-istess kuntratt a bazi tal-principju “*res inter alios acta aliis nec nocet nec prodest*”.

“Illi dwar il-kuncett ta’ “*res inter alios acta*”, gja gie premess illi fic-cirkostanzi attwali tal-kaz, is-socjetà konvenuta giet espressament obbligata mill-Gvern Malti li thares dawn l-obbligi internazzjonali bhala successur tal-Gvern f’dan ir-rigward. Irid jinghad ukoll illi fil-qasam partikolari tal-avjazzjoni u l-operat tal-aerodrome ta’ Hal Luqa, materja ta’ ordni pubbliku, li giet privatizzata mill-Gvern Malti, l-operatur ma jistax jistahba wara l-Gvern bhallikieku ghandu xi immunità minn pretensjonijiet ta’ terzi. Certament il-Gvern Malti jista’ jkollu d-drittijiet u rimedji tieghu naxxenti mill-kuntratt tac-cens izda fl-istess hin u f’cirkostanzi fejn is-socjeta konvenuta nghatat mill-Gvern l-operat tal-aerodrome b’obbligi cari u espressi, ma jistax jinghad illi l-ebda terz ma jista’ jkollu rimedji bazati jew b’xi mod ispirati mill-allegat ksur tal-obbligi assunti mis-socjeta konvenuta fl-operat tal-aerodrome. Il-kawza attrici mhijiex imsejsa a bazi ta’ xi dritt jew rimedju dirett li l-atturi jippretendu ghandhom u naxxenti mill-kuntratt innifsu izda ksur tal-obbligi legali li permezz ta’ tali kuntratt pubbliku l-istess socjetà konvenuta assumiet sabiex topera l-istess aerdome u la darba tali kuntratt huwa debitament registrat ghandu effett fil-konfront ta’ terzi inkluz tas-socjetajiet attrici (jew min minnhom bhala utenti tal-istess ajruport) u liema obbligi ghandhom jigu ekwiparati ma' dawk l-obbligi imposti mill-Gvern fl-imsemmi kuntratt ta’ cens.

“Illi fuq kollox fil-kuntratt stess tac-cens jinghad fil-preambolu (d):-

> “"*The Company is duly licensed in terms of law to operate the aerodrome indicated on the plan attached to this Deed*"”

"Illi similment paragrafu (e) jipprovdi li:-

> ""*subject to what is stated hereinafter, the Company holds and enjoys physical possession of (i) the Emphyteutical Site and (ii) the Airfield as defined later on in this Deed*.""

"Illi huwa minnu illi fil-kuntratt, ir-riferenza ghal "*the Emphyteutical Site*" tfisser "*The Terminal Building, the Terminal Land the Aerodrome Sites and the other Sites*...". Izda l-argument tas-socjetà konvenuta illi ladarba r-runway ma tikwadrax ruhha fil-koncessjoni tac-cens, isegwi illi l-istess obbligi assunti ma jestendux ghall-operat tar-runway mhuwiex korrett in vista ta' dak li gie pattwit fl-istess kuntratt tac-cens u senjatament fi klawzola 11 (1) li tipprovdi hekk:-

> ""*As an essential condition of this emphyteutical grant but without prejudice to the rights (including by way of indemnity) of the Company against Government under this Deed, the Company shall be under an obligation to manage at its cost and risk, the Airfield, subject to the Terms and Conditions of Management contained in Exhibit A annexed to this Deed. The Terms and Conditions of Management shall be construed and shall constitute an integral part of this Deed as if they were written in the main body hereof*.""

"Illi dwar it-*Terms and Conditions of Management* annessi mal-kuntratt tac-cens, dawn ma gewx esebiti mill-partijiet u ghalhekk ma jistax jinghad jekk kienx hemm xi regoli ad hoc li jirregolaw l-operat tal-Airfield. Huwa cert pero li l-operat tal-airfield jikkostiwixxi kondizzjoni integrali tal-koncessjoni enfitewtika u dan huwa f'idejn l-istess socjetà konvenuta u wiehed isibha ferm difficli li jissepara l-bini u proprjetà deskritta fit-tifsira ta' *Emphyteutical Site mill-Airfield*, ghaliex li kieku wiehed kellu jaghmel hekk, l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-ICAO, inkluz dawk l-obbligi assunti espressament mis-socjetà konvenuta fil-kuntratt tac-cens, isiru inapplikabbli ghar-*runway* u l-*airfield* in generali u li certament ma setghetx kienet l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti ghal-istess kuntratt.

"Illi jigi osservat ukoll li hemm daqsxejn ta' kuntradizzjoni fil-posizzjoni mehuda mis-socjeta konvenuta f'dan ir-rigward fis-sens illli filwaqt li tibqa' ssostni li r-regoli ta' ICAO huma biss rakkomandattivi, minkejja l-fatt illi r-*runway* mhijiex parti mill-koncessjoni enfitewtika, b'dana kollu mill-atti tal-kawza jirrizulta li hija difiza mressqa mill-istess socjeta konvenuta li hija fil-fatt l-istandards tal-ICAO u li skont hija dawn l-istandards gew adoperati minnha ghal dak li jirrigwarda *bird strike measures* fl-*aerodrome*. Mill-materjal li gie ippublikat mis-socjeta konvenuta dwar il-mizuri ii jittiehdu fil-kamp ta' *Wildlife Hazard Management*, ma ssir l-ebda distinzjoni bejn l-*airfield* u t-*terminal* jew inhawi ohrajn fl-ajruport. L-Aerodrome Manual, fil-kliem stess tas-socjetà konvenuta, "*is structured on the guidelines published by ICAO in Doc. 9774 — Manual for the Certification of Aerodromes*".

"Illi fid-dokument *Wildlife Hazard Management* hemm *inter alia* spjegata l-politika tal-MIA ghal dak li jirrigwarda "*Wildlife Control Management*" u li tinkludi fost affarijiet ohrajn "Dispersal *of wildlife from the airport premises*" minghajr ebda distinzjoni jew limitazzjoni u jinghad illi:-

> ""*In achieving the above, Malta International Airport plc relies on guidance found in ICAO Doe 9184 — Airport Planning Manual, Part 2 Land Use and Environmental Control and Doc 9137, Airport Services Manual Part 3 Bird Control and Reduction*.""

"Illi ghalhekk dan l-agir innifsu tas-socjetà konvenuta hija prova ulterjuri tal-fatt illi r-regoli tal-ICAO kienu s-sors u l-bazi tal-politika addottata minnha fil-kamp ta' bird hazard reduction u meta wiehed jikkunsidra l-fatti u cirkostanzi kollha hawn fuq premessi, wiehed jistà jikkonkludi illi l-argumenti u sottomissjonijiet avvanzati mis-socjetà konvenuta f'dan ir-rigward mhumiex fattwalment u legalment gustifikati u fuq kollox l-operat taghha stess imur kontra dak minnha sottomess jew eccepit f'din il-kawza fil-kuntest ta' dak li gie appena konsidrat u deciz in kwantu jirrigwarda l-obbligazzjonijiet taghha ghat-tmexxija tal-istess *runway* u aerdrome.

"Illi dwar ir-relazzjoni giuridika bejn is-socjetà Air Malta p.l.c. u s-socjetà konvenuta Malta International Airport p.l.c jirrizulta li s-socjetajiet attrici jinsistu illi tezisti relazzjoni kuntrattwali bejn Air Malta p.l.c. u s-socjetà konvenuta Malta International Airport p.l.c. Din ir-relazzjoni kuntrattwali hija skont huma naxxenti mill-fatt li kemm l-Air Malta p.l.c. u kumpaniji ohra tal-avvjazzjoni illi jaghmlu uzu mill-ajruport ta' Malta jhallsu sabiex juzaw is-servizzi ta' l-ajruport ta' Malta u li minhabba f'dan, huwa mistenni illi l-ajruport ikun adegwat u idoneu sabiex jipprovdi s-servizzi illi ghalih qed ihallsu d-diversi linji ta' lajru li jaghmlu uzu. L-obbligu jinkludi dak li jigi provdut "*runway*" adegwat li huwa nieqes minn perikli jew riskji zejda u dan huwa skont l-atturi obbligu principali relatat mas-servizz principali ta' tmexxija ta' ajruport.

"Illi minn naha taghha, s-socjetà konvenuta tghid illi l-atturi ma gabu ebda prova ta' l-ezistenza ta' kuntratt bejn il-partijiet u fi kwalunkwe kaz ma jezisti ebda kuntratt bejn il-partijiet f dan ir-rigward. Jghidu ukoll illi anke li kieku tezisti rabta kuntrattwali, l-atturi naqsu li jindikaw liema hi l-obbligazzjoni principali tal-kuntratt u liema obbligazzjoni giet ivvjolata minnhom.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa pacifiku illi r-responsabbilità ghad-danni tirrizulta mir-rabta giuridika jew nuqqas taghha u, dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Fis-sentenza fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**" (P.A. - 9 ta' April 1949 (Vol. XXX111.ii.379) il-Qorti ikkunsidrat illi "*l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunament imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In*

*kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbiltà fis-sens illli fil-kolpa kuntrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad.*"

"Illi f'dan il-kaz ghalkemm ma jidhirx li jezisti kuntratt formali u miktub li jirregola l-uzu tal-ajruport li taghmel l-Air Malta p.l.c, difficli tghid illi ma tezistix rabta kuntrattwali, aktar u aktar meta hawn si tratta tal-linja nazzjonali ta' Malta li topera mill-ajruport ta' Hal Luqa bhala l-bazi taghha u mhux semplicement linja ta' l-ajru kazwali. Fuq kollox u ghalkemm ma ngabitx prova dwar hlasijiet jew kondizzjonijiet ta' dan l-uzu, li kieku wiehed kellu jaccetta s-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta jkun ifisser illi l-Air Malta tithalla taghmel uzu mill-ajruport minghajr ebda kuntratt jew arrangement finanzjarju li jirregola dak l-uzu, u dan minn kumpannija li issa giet privattizata, haga li fid-dinja kummercjali tal-lum mhijiex kredibbli u wisq anqas sostenibbli. F'dawn ic-cirkostanzi huwa car li tezisti relazzjoni kuntrattwali bejn l-Air Malta p.l.c u l-Malta International Airport p.l.c.

"Illi dwar ir-responsabbilita' jidher li l-posizzjoni attrici hija marbuta mad-disposizzjonijiet tal-*International Civil Aviation Organisation* (ICAO) u dan ghaliex il-kuntratt tac-cens li l-Gvern Malti kkonkluda mas-socjeta attrici jimponi tali obbligi naxxenti ma' dawn ir-regolamenti. Fost dawn ir-regolamenti insibu Annex 14 li jirregola l-aerodromes.

"Illi in sintezi dawn l-obbligi huma tnejn u cioè:

"1. Illi tassigura illi kienu qed jittiehdu l-mizuri kollha sabiex jitgerrxu jew jitbeghdu l-ghasafar minn fuq l-*airfield* permezz ta' mezzi idoneji; u

"2. Illi jkollha sistema effettiva ta' gbir ta' informazzjoni dwar il-presenza ta' tjur fl-ajruport sabiex din l-istess informazzjoni hekk kif tingabar tigi trasmessa adegwatement lil kull min kellu interess illi jkun jaf biha.

"Illi mill-provi jirrizulta illi fiz-zmien tal-incident kienu jsiru zewg '*routine inspections*" jew ahjar "*scheduled airside inspections*". Dan wara kollox sar konformament ma' dak previst fil-Manual li gie preparat mill-istess socjetà konvenuta meta hadet f'idejha dawn ir-responsabbilitajiet. Diversi xhieda kkonfermaw illi kienu jsiru ta' kuljum, wahda filghodu wara li titla' x-xemx, ghall-habta tat-8.00 a.m. u ohra fil-ghaxija qabel inzul ix-xemx. Jirrizulta mill-provi li l-hin ta' dawn iz-zewg inspections bl-ebda mod ma kienu intizi li jsiru bil-ghan specifiku li jsiru qabel xi titjira jew landing partikolari. B'hekk fil-kaz tal-ispezzjoni ta' filghodu, il-fatt illi din l-ispezzjoni kienet issir b'mod jew iehor fl-istess hin illi titlaq it-titjira tal-Air Malta lejn Londra KM 100 kull

filghodu kienet biss koincidenza u mhux intiza sabiex specifikament issir spezzjoni tar-runway ghat-tluq ta’ din it-titjira partikolari. Kull spezzjoni kienet tiehu madwar ghoxrin jew tletin minuta.

“Illi b’riferenza ghal *bird activity*, f’kaz illi jirrizulta li jkun hemm ghasafar fuq jew vicin ir-*runway*, issir notifika lill-MATS u dan eventwalment johrog avviz fuq l-ATIS — *Aerodrome Terminal Information System*.

“Illi apparti dawn iz-zewg spezzjonijiet, jirrizulta ukoll illi jsiru "*Perimeter Inspection*" madwar il-*perimeter* ta’ l-ajruport sabiex jigi rilevat jekk hemmx xi oggetti li jkunu ta’ periklu ghas-sigurtà u sikurezza tal-*aerodrome*, ghalkemm dawn ma kienux isiru b’mod regolari jew b’xi numru specifiku, u anke *ad hoc inspections*, li kif irrizulta mix-xhieda ta’ Paul Grixti u Joseph Bonnici, jsiru specifikament in segwitu ta’ xi notifika li tkun saret minn dawk il-persuni u entitajiet li huma b’xi mod involuti fl-operat ta’ l-*aerodrome*.

“Illi bhala apparat ghat-tgerrix ta’ l-ghasafar, irrizulta illi s-socjetà konvenuta taghmel uzu minn apparat maghruf bhala "*fixed vehicle system*" li taghti “*distress calls*” ta’ numru ta’ ghasafar. Dan l-apparat jintuza regolarment anke minn ajruporti ohra barra minn Malta.

“Illi dak in-nhar tal-incident is-socjetà konvenuta kienet intiza li taghmel *routine inspection* madwar il-hin tat-tmienja ta’ filghodu. Gara pero` illi l-MATS ma tat l-ebda awtorizzazzjoni sabiex din l-ispezzjoni ssir fil-hin in kwistjoni. Jirrizulta ukoll illi kien hemm zewg aircraft movements qabel dak tal-KM 100 u cioe KM 785 li nizel Malta fil-hin 07:47 u tluq iehor tal-flight KM 398 fis-07:59. It-tluq tal-KM 100 kien fit-08:05.

“Illi jirrizulta li saret allegazzjoni da parte tas-socjetà intimata li f’dik il-gurnata il-MATS ma tatx l-approvazzjoni taghha sabiex issir din l-ispezzjoni ta’ filghodu minhabba dan it-traffiku u movimenti fuq ir-*runway*, inkluz it-tluq skedat tal-KM 100 (l-operazzjoni iddum nofs siegha), izda fil-verita’ mix-xhieda Lawrence Fenech jirrizulta li ma jirrizultax li saret din it-talba.

“Illi fil-fatt fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2008 inghad is-segwenti mill-istess xhud prodott mis-socjetà konvenuta fuq mistoqsijiet li saru minn Dr. Brian Muscat ghall-Air Malta:

> “*Dr. Brian Muscat:- Dak in-nhar ta’ l-incident, harget xi talba mill-MIA biex taghmel x’inspection fuq ir-runway qabel ma sehh l-incident u inthom chadtu dik it-talba?”*
>
> “*Sur Lawrence Fenech: Mhuwiex illogjat – Ma nistax nghid. Ha nghidek haga, eventwalment ir-runway hija ghall ajruplan, jekk l-MIA jitolbu li jaghmlu inspection, u ma jistax jillandja l-ajruplan minhabba li hemm karozza fir-runway, naghidulu le ghax il-priority hija ta’ l-ajruplan, Pero` jekk l-MIA jghidulna: isma jien irrid naghmel inspection*

*ghax hemm rapport ta' bird scaring – mhux se inhalli l-ajruplan jillendja qabel ma ssir dik l-inspection"*

"*Dr. Brian Muscat: Imma dak in-nhar ma kien hemm.*

"*Sur Lawrence Fenech:- Ma ghandix illogjat".*

"Illi fil-fatt l-istess xhud ikkonferma li dak in-nhar "*l-ewwel request ta' inspection kienet wara l-incident ta' dak in-nhar*".

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li minn din ix-xhieda ta' xhud prodott mis-socjetà intimata stess jirrizulta li mhux minnu dak li allegat mis-socjetà konvenuta, li hija talbet li taghmel inspection, izda li giet imwaqqfa taghmel dan mill-MATS, u dan allura jmur kontra dak allegat f'paragrafu 16 tar-risposta guramentata taghha (fol. 190), u fil-fatt mhux biss ma hemmx prova ta' dak minnha allegat, tali adirittura xhud taghha stess innega li dan kien il-kaz, u f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li la darba gie pruvat li s-socjetà konvenuta hija responsabbbli ghat-tmexxija tal-istess *runway*, hija kellha l-obbligu li taghmel l-istess spezzjoni li tinkludi dispersal ta' l-ghasafar, li hija baqghet ma ghamlitx ghar-ragunijiet li taf hija biss, u fil-fatt in-nuqqas ta' tali spezzjoni kien tali li wassal sabiex sehh l-incident de quo.

"Illi din il-Qorti thoss ukoll, li anke kieku stess ghall-grazzja tal-argument li hija l-MATS li taghti l-permess sabiex vetturi li joperaw din id-*despersal bird system* jidhlu fuq ir-*runway*, jekk l-MIA thoss li jekk ma ssirx tali spezzjoni kien ser jinholoq perikolu lill-arjuplani, kemm dawk li ser jaslu, u kemm dak li kienu ser jitilqu, bhal fil-kaz in ezami, mela allura, kellha l-poter, u anke l-obbligu li twaqqaf tali titjiriet sakemm issir tali spezzjoni, u dan sabiex tipprovdi l-ajruport sikur lill-utenti tieghu. F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-provi juru li s-socjetà intimata kienet il-kumpanija li ddecidiet li ma taghmilx spezzjoni dak in-nhar u dan ghaliex il-hin li taghmel dik l-ispezzjoni kien jahbat ma' tluq ta' hin ta' ajruplan tal-Air Malta, u r-responsabbilta' ta' dan hija tas-socjetà konvenuta u ta' hadd izjed, u ma tistax is-socjetà konvenuta tahrab minn din ir-responsabbilta' u titfaha fuq il-MATS, u dan ghaliex l-operazzjoni tar-*runway* taqa' taht ir-responsabbilta' diretta tal-istess socjetà konvenuta.

"Illi f'dan il-kuntest il-Perit Legali jsostni li, "*ghalkemm ghandu jinghad ukoll li anke kieku saret fil-hin previst mill-istess socjeta konvenuta, il-probabilità kienet tkun illi din l-ispezzjoni kienet tkun immaterjali ghat-tluq tal-KM 100 ghaliex kif irrizulta, il-hin taz-zewg routine inspections matul il-jum ma kienx marbut mat-tluq jew inzul ta' xi titjira partikolari.*' Din il-Qorti ma taqblix ma din tesi in vista tal-fatt li hija tal-fehma li l-prudenza u diligenza kienet tiddetta li s-socjetà konvenuta kellha taghmel l-ewwel spezzjoni tal-gurnata aktar kmieni, (dak in-nhar tal-incident ix-xemx telghet fis-06.56) u s-*schedule* kien maghruf lis-socjetà attrici u ma kien hemm xejn x'izomma milli taghmel dan.

"Illi dan johloq certament ness bejn dan in-nuqqas u dak li gara, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma kien hemm ebda raguni ghaliex din l-ispezzjoni ma kellhix issir, iktar u iktar meta jirrizulta mix-xhieda ta' John Joseph Borg li proprju bejn il-perjodu ta' Ottubru u Frar ikun hawn numru ta' sturnell hawn Malta, b'dan li bejn Novembru u Frar jibqghu hawn Malta dawk li jissejhu bhala *wintering birds* cjoe' ghasafar li jqattghu x-Xitwa hawn Malta u ghas-sit bhal ma huwa l-ajruport, dan iktar japplika ghaliex hemm vicin arja sostanzjali fejn kien hemm il-haxix maqtugh u fejn huwa projbita l-isparar, u fil-fatt ir-rapport ta' l-imsemmi John J. Borg dwar il-metodi li kienu uzati sa dak iz-zmien sabiex jigi mnaqqas jekk mhux eliminat il-perikolu li tali ghasafar setghu jikkagunaw, gie deskritt bhala mhux adegwat, anke kieku sar. Pero` xorta jibqa' l-fatt li la darba lanqas spezzjoni li s-soltu ssir ma saritx, xorta wahda ggravat is-sitwazzjoni.

"Illi barra minn dan, mill-istess rapport tax-xhud indikat li jirrizulta li s-sistemi adoperati sa dak in-nhar fl-istess ajruport ma kienux adegwati kemm ghal dak li huwa tgerrix ta' l-ghasafar u kif ukoll fil-kuntest ta' gbir ta' informazzjoni tant li gie indikat li l-mezzi uzati ta' bird scaring ma kienux effettivi u gew deskritti bhala "*completely un-coordinated*" u dan ghaliex ma kienx hemm ebda pjan kif kienu ser jittekiljaw din il-problema ta' ghasafar, tant li inghad li kien hemm nuqqas ta' koordinament anke kif kienu isiru tali spezzjonijiet u dan ghaliex bil-mezzi adoperati, dak li kien qed jigri kien li l-ghasafar imorru minn parti wahda ghall-parti ohra tal-istess *runway*, u wara jmorru jergaw ghall- parti fejn kienu, u dan peress li ovvjament li jhossuhom komdi u kienu qed jieklu minn hemm; kien ghalhekk li l-istess xhud ghamel diversi suggerimenti inkluz dik li jigu addottati diversi metodi sabiex jigu mitigat dan il-perikolu fosthom li jintuzaw diversi modi ta' tgerrix ta' ghasafar inkluzi "*bird calls, car sirens, horn, etc on a non rotation basis so birds would not become accustomed to a rotation*" u dan apparti li huwa rakkomandat li jkun zieda fl-ispezzjonijiet, haga li jirrizulta li saret proprju wara li nqala' dan l-incident.

"Illi fil-fatt jirrizulta li qabel ma sehh l-incident kien isiru biss zewgt inspections fil-gurnata, u wiehed minnhom baqa' ma sarx, izda wara l-incident l-ispezzjonijiet zdiedu ghall erbgha u dan skont xhieda ta' Joseph Schiavone moghtija fit-8 ta' April 2008. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Joseph Bonnici u Paul Grixti tat-23 ta' Gunju 2008 li fil-gurnata ta' l-incident kienu qeghdin jaghmlu l-ispezzjonijiet fl-inħawi ta' madwar ir-*runways* (hekk imsejħa *airside inspections*) fejn jirrizulta li dawn ikkonfermaw li effettivament ma kienx hemm sistema koordinata ta' spezzjonijiet u lanqas ma kien hemm jew inghata training specifiku sabiex isiru dawn l-ispezzjonijiet u biex minnhom tinsilet l-informazzjoni relattiva.

"Illi adirittura mix-xhieda ta' Paul Grixti rrizulta illi ma kienx hemm metodologija jew mezzi immirati biex isiru spezzjonijiet ta' l-*aerodrome* ghall-prezenza tat-tjur. Jekk l-impjegati tas-socjetà intimata kienu jindunaw bil-prezenza ta' ghasafar kienu semplicement jirreagixxu billi

jippruvaw igerrxuhom (dan kollu huwa spjegat b'mod inekwivoku fix-xhiedha ta' Paul Grixti). Apparti l-fatt illi dawn l-attentati ta' tgerrix t'għasafar kienu jfallu il-ghaliex l-ghasafar kienu jitgerrxu ghal naha ta' l-ajurport u kien jibqghu fil-perimetru tieghu, ma jidhirx minn din ix-xhieda illi kien hemm mezz ta' rapurtagg ta' din l-informazzjoni jew xi forma ta' log ghall-presenza ta' ghasafar.

"Illi jinghad ukoll li mix-xhieda qatt ma gie pprezentat 'log' ufficjali ghall-presenza ta' ghasafar fl-ajruport mill-konvenuta. Infatti l-unika informazzjoni li hemm dwar il-presenza ta' ghasafar huwa rapportipprezentat mill-ornitologista John Borg fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2008 u dan juri li fl-ewwel lok f'dak iz-zmien s-socjetà konvenuta ma' kellhix mezzi hija jew lanqas adoperat mezzi sabiex tigbor din l-informazzjoni, u wkoll li fil-verita' irrizulta li f'dak il-perjodu, kif gja msemmi f'din is-sentenza jkun hemm numru sostanzjali ta' ghasafar proprju li minhabba numru sostanzjali minnhom jibqa' hawn fix-xitwa.

"Illi l-fatt li wara l-incident gew irdoppjati n-numri ta' spezzjonijiet mis-socjetà intimata stess, u ma jidhirx lanqas li kien hemm kaz wiehed fejn il-MATS waqfet tali spezzjoni, turi li l-Perit Legali ma kellux jiskarta dawn ir-rizultanzi hekk facilment kif ghamel u dan ghaliex jidher u jirrizulta li biz-zieda f'dawn l-inspezzjonijiet is-socjetà intimata certament li indikat li ma kenitx sodisfatti bin-numru ta' spezzjonijiet li kienu qed isiru minnha qabel lincident. Fil-fatt hija sewwa l-osservazzjoni tas-socjetajiet attrici li s-socjetà konvenuta kienet taf b'dan in-nuqqas u ppruvat tirrettifikah post facto. Ghall-kaz in ezami huwa logiku li wiehed jippretendi illi wara illi l-ufficjali kien hemm informazzjoni permezz ta' NOTAM fl-24 ta' Novembru 2004 illi kienet tindika presenza qawwija ta' ghasafar, l-ispezzjoni kellhom jizdiedu sa dak in-nhar ta' l-incident zgur u mhux biss izda sal-perjodu li tali ghasafar normalment jiqbghu hawn Malta, iktar iktar meta dan huwa fatt li setgha jigi rekordjat u osservat, kif jidher li gie permezz ta' persuni midhla tal-migrazzjoni tal-ghasafar, li minnhom wiehed xehed f'din il-kawza, u l-Qorti thossx li ma tistax tinjora l-konkluzzjonijiet tieghu, iktar u iktar meta jidher li huwa espert fil-materja, u wkoll li r-rizultanzi tieghu bhala xhud ma gew bl-ebda mod kontrastati u wisq inqas kontradetti.

"Illi barra minn dan jirrizulta li r-rapport legali ftit li xejn dahal fis-sustanza tax-xhiedha ta' Joseph Bonnici jew Paul Grixti inkwantu ghan-natura u l-metodologija ta' l-ispezzjonijiet li fil-verita' la kienu frekwenti u kif jidher mix-xhiedha lanqas kienu ikkoordinati mal-Malta Air Traffic Services (ara xhiedha ta' Lawrence Fenech – 9 ta' Gunju 2008). Dan in-nuqqas ta' ko-ordinament il-Perit Legali irnexxilu idawru b'tali mod biex jiggustifika illi l-konvenuta qatt ma setghet tigbor informazzjoni dwar il-prezenza ta' ghasafar fl-ajruport ghax ma setghux id-dipendenti tal-konvenuta johorgu biex jaghmlu inspections minhabba l-uzu tar-*runway* qabel it-titjira materja ta' din il-kawza, izda dan fl-opinjoni tal-Qorti ma huwiex korrett, ghaliex huwa proprju dan in-nuqqas da parte tas-socjetà konvenuta li jwassal ghal konkluzzjoni

li l-istess socjetà konvenuta ma kellhix la l-mezzi idonei u effettivi sabiex tgerrex l-ghasafar mir-*runway*, u lanqas kellha sistema ta' kif tigbed l-informazzjoni li hija kellha toqghod fuqha sabiex appuntu tikkontrolla kemm tista' l-ghasafar minn fuq l-istess *runway*, haga li hija ma ghamlitx, almenu sal-mument li sehh l-incident, tant li ma kienx hemm sistema koordinata la ta' tgerrix ta' ghasafar u lanqas ta' zamma ta' informazzjoni u kollox kien sporadiku u mhux ko-ordinat.

"Illi minn dan kollu jirrizulta li s-socjetajiet attrici ppruvaw li mill-fattispecie tal-kaz in ezami kien hemm nuqqasijiet serji (a) fil-mizuri adoperati sabiex jitgerrxu u jbeghdu l-ghasafar minn fuq il-mitjar u lanqas kien hemm mezzi idonei adoperati sabiex dan isehh b'mod effettiv; (b) ma kienx hemm sistema effettiva u konsistenti u ko-ordinata ta' gbir ta' informazzjoni dwar il-prezenza ta' ghasafar sabiex l-istess infomazzjoni hekk migbura tigi trasmessa adegwatament lil kull min ghandu interess li jkun jafha, nkluz il-bdoti stess u dan meta huwa rikonnoxxut li l-ġbir ta' informazzjoni huwa element integrali u essenzjali tas-sistema ta' bird reduction, u min-naha l-ohra li n-nuqqas fil-ġbir ta' informazzjoni neċessarjament ixekkel il-mekkaniżmi ta' bird reduction fl-aeordrome.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll ghalkemm ir-regoli tal-ICAO ma jiddettaw l-ebda linji gwida specifici dwar *routine inspections* fis-sens ta' kif u meta ghandhom isiru matul il-gurnata. Izda s-sub-artiklu 9.4.3 tal-Annex 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:-

> ""*When a bird strike hazard is identified at an aerodrome, the appropriate authority shall take action to decrease the number of birds constituting a potential hazard to aircraft operations by adopting measures for discouraging their presence on, or in the vicinity of, aerodrome*."

"Illi mill-assjem tal-provi prodotti jidher li s-socjetà konvenuta ma kellhiex sistemi adegwati bizzejjed sabiex tnaqqas ir-riskji inerenti tal-presenza ta' ghasafar fl-ajruport. Fl-*Airport Services Manual — Part 3 — Bird Control and Reduction* anness mal-Konvenzjoni insibu f'kapitlu 8 "*Dispersal Methods*" illi "distress calls" huwa rikonoxxut bhala biss wiehed mill-metodi accettati ghal tgerrix ta' ghasafar u ma hemmx indikat li dan wahdu huwa sufficjenti sabiex jilhaq l-ghan tieghu. Fil-fatt f'dan id-dokument jidher illi hemm diversi metodi li jistghu jintuzaw minn operatur ta' aerodrome u li tinghata latitudni piuttost wiesgha lill-istess operatur li jadatta xi wiehed minn dawn il-metodi skont ic-cirkostanzi partikolari tal-ambjent tal-aerodrome u anke skont is-success o meno fl-uzu ta' sistema partikolari. Liema huwa l-metodu adatt jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz, u certament li jirrizulta li l-metodu li kellu jigi adoperat kellu jkun wiehed li jkun effettiv u li s-sistema ta' distress calls li kienet attwalment utilizzata, meta u bil-frekwenza utillizata, ma jirrizultax li kienet fil-fatt sistema adegwata u wisq inqas effettiva.

"Illi apparti l-premess, il-gbir tal-informazzjoni huwa aspett iehor essenzjali tal-ICAO. Is-sub-sub artiklu 9.4.1 jipprovdi f'dan ir-rigward:-

> "*The Bird Strike hazard on, or in the vicinity of, an aerodrome shall be assessed through:*
>
> "*The establishment of national procedure for recording and reporting bird strikes to aircraft; and*
>
> "*The collection of information from aircraft operators, airport personnel etc on presence of birds or or around the aerodrome consisiting of potential hazards to aircraft operations*."

"Illi minbarra dan, fl-*Airport Services Manual — Part 3 Bird Control and Reduction*, *Annex 14 mal-Konvenzjoni*, jinghad hekk:-

> "*A good bird control programme depends upon good reporting. It is the basis of any bird control programme. Data may come from bird sighting, maintenance problems, strikes and bird control activities....*
>
> "*An integrated approach is necessary for a successful bird control programme. The airport ground staff who operate the programme (at most airports) should ensure that all parties involved in the airport use are informed of operations. The concern of bird control should be made aware to those in air traffic control (ATC), airport maintenance, planning, finance, marketing as well as aircraft operators*."

"Illi s-socjetajiet attrici jissottomettu f'dan ir-rigward illi meta wiehed jifli x-xhieda ta' Paul Grixti u Joseph Bonnici illi kienu qed joperaw is-sistema dak in-nhar ta' l-incident, jidher bic-car illi dawn lanqas kienu rregistraw dawk l-ispezzjonijiet addizzjonali li kienu jaghmlu. Jghidu ukoll illi l-unika NOTAM li hareg illi kien jindika "*bird activity*" hareg ezatt wara li sehh l-incident wara li l-bdoti tal-ajruplan irrimarkaw li sehhet "*bird strike*" u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li hawn ukoll is-socjetajiet attrici ghandhom ragun.

"Illi fl-ahharnett u f'dan ir-rigward issir riferenza ghall dak li inghad fin-nota ta' kritika tas-socjetajiet attrici ghar-rapport tal-Perit Legali f'dan ir-rigward fejn gie ritenut li:-

"*Huwa inaccettabbli kif il-Perit legali jista' jiddetermina li kien hemm sistema fis-sehh fuq l-iskorta tal-fatt li nharget NOTAM (avviz lill-bdoti) wiehed biss qabel l-incident fl-24 ta' Novembru 2004. Il-Perit Legali jikkwota l-istatistika pprezentata (fuq imsemmija) minn John Borg f'dan ir-rigward. Huwa jsostni illi la ma nharigx l-ebda notice sinjal illi dan kien il-ghaliex ma kienx prezenza ta' ghasafar fl-aerodrome. Jekk inharget NOTAM meta kien hemm 12,000 ghasfur prezenti wiehed jibqa' sorpriz kif 'sistema effettiva ta' gbir ta' informazzjoni' ma setghetx tinforma lill-awtoritajiet bil-presenza ta' ghasafar fil-volumi ta' 3,000, jew 8,000 ghasfur tlett ijiem biss qabel l-incident. Li kieku kien hemm sistema effettiva kif qed isostni l-Perit Legali, d-dipendenti tal-konvenuta kellhom jindunaw igerxxu u jinfurmaw jekk kienx gerrxu*

*b'success, din il-presenza massicca ta' ghasafar*". Din il-Qorti taqbel ma' din l-osservazzjoni u allura huwa l-kaz li jinghad li din il-Qorti mhux qed taccetta l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali, u dan peress li mir-rizultanzi processwali jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet serji fir-rigward tal-materja ezaminata mis-socjetà konvenuta, bil-mod kif ukoll muri f'din is-sentenza.

"Illi minn dan jirrizulta li l-incident sehh minhabba negligenza u traskuragini prattikata mis-socjetà konvenuta li ma haditx hsieb li r-*runway* tkun sikura ghall-uzu mill-ajruplani fid-data tal-incident *de quo* u f'dan il-kuntest jirrizulta li ma kienx hemm metodu ta' *bird strike reduction* effettiv u adekwat, u dan gie ppruvat mill-assjem ta' xhieda prodotti f'din il-kawza, li jippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi li kien hemm nuqqasijiet serji da parti tas-socjetà intimata ghaliex (i) kien użat biss metodu wieħed ta' *bird dispersal* illi kien manifestament inadegwat biex igerrex l-għasafar mill-*aerodrome* u (ii) ma kienx hemm sistema ta' gbir ta' informazzjoni illi hija mitluba mil-liġi u integrali għal-sistema effettiva ta' bird dispersal. Dan iwassal sabiex jigi ritenut li dan ma kienx konfromi mal-grad ta' diligenza rikjest mill-operatur ta' ajruport sabiex jipprovdi ajruport sigur ghall-utenti tieghu, u ghalhekk in vista' ta' dawn in-nuqqasijiet is-socjetà intimata qed tinstab responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna.

"Illi hija opinjoni wkoll ta' din il-Qorti li tali nuqqasijiet da parte tas-socjetà konvenuta kienu r-raguni ghaliex sehh dan l-incident u ghalhekk hemm in-ness ta' kazwalita' bejn n-negligenza da parte tas-socjetà konvenuta u d-danni sofferti mis-socjetà attrici Air Malta u hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Gerald Bugeja vs David Gatt**" (A.C. - 20 ta' Ottubru, 2003) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili qalet illi:-

> "*huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (Kollezz. Vol XXX pIII p142).

"Illi l-istess fil-kawza "**Josephine Bondin vs Christine Demajo**" (8 ta' Jannar 1992) gie ritenut li:-

> "*Trattandosi tà kulpa akwiljana u konsegwenzjali danni l-bazi legali tà l-azzjoni trid necessarjament tirrizolvi ruhha fil-nexus konsegwenzjali bejn l-operat tad-danneggjant u d-danni sofferti mid-daneggjat u dan ghandu jigi ppruvat mid-danneggjat almenu fuq bazi tà probabilità*.'

"Illi dwar l-ammont ta' danni ma jidhirx li saret xi kontestazzjoni u b'hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta Malta International Airport plc,ipprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2012, li in forza tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet appellati.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet appellati, li in forza taghha u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell tal-Malta International Airport plc ghandu jigi rigettat u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Frar, 2012, ikkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanta.

Rat ir-rikors tal-appellati Air Malta plc u Shield Insurance Company (Guernsey) Limited ipprezentat fl-20 ta' Marzu, 2012, kontestwalment mar-risposta tal-appell taghhom, fejn talbu l-awtorizzazzjoni li jezebixxu dokument immarkat FV3.

Rat li din il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument ezebit mal-istess rikors, tenut kont tal-fatt li qatt ma awtorizzat l-ezebizzjoni tieghu, u ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-Malta International Airport plc ghall-istess rikors li permezz taghha opponiet ghat-talba maghmula.

Rat in-nota tal-5 ta' Settembru, 2012 u li l-Qorti rriservat li tipprovdi ulterjorment dwar ir-rikors wara li tisma' ulterjorment lill-partijiet fl-udjenza.

Rat li l-partijiet ittrattaw ir-rikors ghall-prezentata ta' dokumenti godda waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2016, kif ukoll rat in-noti ipprezentati mill-partijiet.

Rat il-provvediment li nghata waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu gie ordnat li d-Dokument FV 3, li kien gie sfilzat b'ordni tal-Qorti, jerga' jifforma parti mill-atti tal-appell.

Rat li l-partijiet ittrattaw l-appell fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2016, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li jinsabu inkontestati huma li nhar it-2 ta' Dicembru, 2004, fit-8.05 ta' filghodu, hin lokali, waqt li l-ajruplan tal-kumpanija attrici Air Malta p.l.c., tal-ghamla Airbus A319, b'registrazzjoni 9H-AEJ, kien ghadu kif inqata' minn mal-art, fl-ajruport ta' Hal Luqa, f'titjira KM 100 lejn Londra, intlaqghat minn qatgha kbira ta' sturnell. Konsegwenza tal-

impatt, deskritt mill-pilota bhala “konsiderevoli”, il-parti kbira tal-*windshields* tal-bdoti kienu oskurati, u l-vizibilità ghall-barra giet ridotta sew. Dan wassal lill-kaptan, b’konsultazzjoni mal-inginiera tal-linja tal-ajru, sabiex tittiehed id-decizjoni li l-ajruplan jerga’ lura sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar xi hsarat li setghu rrizultaw konsegwenza tal-imsemmi impatt. Minhabba l-vizibilità ridotta, il-kaptan ried jerga’ jnizzel l-ajruplan, fuq l-istess runway li telaq minn fuqha, peress li din kellha *Instrument Landing System*. Minkejja li l-mizuri ta’ tindif mill-ghasafar mejta mill-ajruplan stess ma kienx ghadu lest, il-kaptan xorta ddecieda li jaghmel inzul fuq *runway* 14, fl-inqas distanza possibbli sabiex ma ssirx aktar hsara lill-ajruplan.

Minn spezzjoni li saret wara l-inzul tal-ajruplan, kien evidenti li konsegwenza tal-incident, kien hemm hsarat estensivi, fosthom fuq il-*flaps* tal-ajruplan, li sussegwentement gew kwantifikati fis-somma ta’ Lm107,551.36, li thallsu in parti mis-socjetà assiguratrici, li ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tas-socjetà rikorrenti Air Malta plc, u in parti mill-istess linja tal-ajru.

Min-naha wahda, is-socjetà rikorrenti, Air Malta plc tikkontendi li s-socjetà konvenuta Malta International Airport plc, ghandha tinzamm responsabbli ghall-akkadut peress li bhala l-operatrici tal-mitjar, kellha l-obbligu li zzomm u li tipprovdi facilitajiet adegwati skont kif jipprovdu r-

regolamenti tal-*International Civil Aviation Organisation* (ICAO), fosthom li zzomm il-mitjar fi stat tali li ma jkunx ta' perikolu ghall-ajruplani, inkluz li jittiehdu l-mizuri mehtiega sabiex jigu kkontrollati, kif ukoll li jitnaqqsu, l-ghasafar u b'hekk jitnaqqsu l-incidenzi ta' *bird strikes.* Is-socjetajiet attrici jishqu li s-socjetà konvenuta kienet negligenti fil-qadi tal-obbligi legali taghha peress li naqset milli taghti l-informazzjoni mehtiega lill-bdoti tal-ajruplani f'hin utli dwar il-prezenza tal-ghasafar vicin ir-*runway*, kif ukoll naqset milli tipprovdi mizuri adegwati ta' kontroll dwar il-prezenza tal-ghasafar fil-mitjar.

Da parti taghha s-socjetà konvenuta, Malta International Airport plc, principalment tishaq illi hija mhix responsabbli ghall-incident peress li osservat l-obbligi kollha taghha bhala operatur tal-ajruport internazzjonali ta' Malta u mxiet bil-grad ta' diligenza hekk kif rikjesta mil-ligi, kif ukoll li l-incident sehh unikament minhabba ragunijiet li ma kellhiex kontroll fuqhom, peress li l-akkadut jikkostitwixxi forza magguri. Tghid ukoll li l-konvenzjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet u m'ghandhomx forza legali, filwaqt li l-kuntratt ta' cens esebit mill-attrici huwa *res inter alios acta* bejn il-Gvern ta' Malta u l-konvenuta, li ma jaghti ebda drittijiet lill-attrici.

Is-socjetà konvenuta appellanti ressqet il-provi li juru li fil-fehma taghha hija kienet twettaq l-obbligu taghha fejn jitgerxu l-ghasafar darbtejn

kuljum, darba filghodu wara li jisbah u darb'ohra filghaxija qabel ma jidlam, u dan permezz ta' vann li kellu *recording* t'ghajjat t'ghasafar. F'kaz illi jirrizulta li jkun hemm ghasafar fuq jew vicin ir-*runway*, issir notifika lill-MATS (*Malta Air Traffic Services Limited*) u dan eventwalment johrog avviz fuq l-ATIS — *Aerodrome Terminal Information System.*

Trattati l-fatti u l-pozizzjonijiet mehuda mill-kontendenti fil-kawza rispettivament, ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

Filwaqt li s-socjetà appellanti tghid li hija ben konxja tal-prassi hawn fuq imsemmija, l-ewwel aggravju taghha jissejjes fuq dak li hija ssejjah "*mizinterpretazzjoni tax-xhieda*", fejn tikkontendi li l-ewwel Qorti kkwotat dak li qalu numru ta' xhieda b'mod erronju, u barra mill-kuntest, li wassluha ghal konkluzjonijiet zbaljati, kif ukoll li jekk jibqa' fis-sehh tali apprezzament, ser issir ingustizzja maghha. F'dan il-kuntest, is-socjetà appellanti tislet ix-xhieda ta' erba' persuni partikolari, senjatament (i) l-

ornitologu John Borg, (ii) Lawrence Fenech li kien Kap Ezekuttiv tal-Malta Air Traffic Services Limited fiz-zmien l-incident u (iii) iz-zewg impjegati tal-istess appellanti, Joseph Bonnici u Paul Grixti.

Fl-ewwel lok, is-socjetà appellanti tikkontendi li x-xhieda tal-ornitologu ittiehdet barra mill-kuntest taghha mill-ewwel Qorti, peress li l-iskop tal-ezercizzju tieghu kien li jivverifika kemm kien vijabbli l-metodu ta' kacca sabiex jigi kkontrollat n-numru ta' sturnell fl-ajruport u mhux bhala verifika tal-metodi adottati mis-socjetà intimata fil-qadi tad-doveri taghha.

Fil-verità minn ezami tar-rapport esebit mill-espert in materja, jirrizulta li huwa minnu li r-rapport tieghu datat Marzu 2005 jispecifika li l-iskop tal-ezercizzju mwettaq kien tassew li jistudja l-effett tal-uzu tal-isparar bhala deterrent.  Madankollu, jirrizulta mill-istess rapport u mix-xhieda tal-ornitologu, illi kien hemm diversi mizuri ohra li setghu jittiehdu mis-socjetà appellanti biex itaffu l-problema tal-ghasafar fl-ajruport, fosthom li ma jinqatax il-haxix vicin ir-*runway* sabiex jiskoraggixxi l-isturnell milli joqghod fil-vicinanzi taghha, li jinghata s-siment vicin id-dwal fil-mitjar u li jintuzaw diversi mezzi ohra bhal ghajjat tal-ghasafar, sireni, hornijiet u dan fuq bazi li ma tkunx wahda ta' rotazzjoni peress li l-ghasafar setghu jidraw sistema ta' rotazzjoni.  Mill-assjem tal-provi jirrizulta li s-socjetà appellanti kienet fil-fatt tadotta wahda minn dawn il-mizuri, u cioè, dak

tal-ghajjat tal-ghasafar, li kien isir permezz ta' vann li jdur sabiex igerrex l-ghasafar, u ghalhekk ma jistghux ma jigux meqjusa d-diversi mizuri, fil-verità pjuttost semplici, li ma ntuzawx izda li fil-fehma tal-istess espert, setghu jtaffu mill-problema tal-ghasafar fl-ajruport.

Huma meqjusa rilevanti wkoll certi osservazzjonijiet ohra li ghamel l-ornitologu waqt ix-xhieda tieghu; l-isturnell apparti li jsib l-ikel hemm, isib ukoll refugju fl-ajruport peress li huwa dikjarat Rizerva Naturali u ghalhekk ihossu sigur li ma jsirx sparar fuqu hemmhekk u ghalhekk jingabar f'qatghat kbar. Fil-fatt l-ornitologu esebixxa wkoll dokument li minnu tirrizulta *data* li ngabret mill-*Birdlife* ta' dawn il-qatghat ta' sturnell, fl-istess ajruport, li kienu jvarjaw fin-numri bejn Ottubru u Novembru ta' dik is-sena, 2004, bejn 500 u sahansitra jitilghu ghal 15,000 f'granet partikolari. Mistoqsi specifikament dwar il-*bird scaring facilities* l-istess espert jghid <u>li ma kien impressjonat xejn bil-metodologija uzata</u>. Fil-fatt meta in kontro-ezami kien mistoqsi r-raguni li ntqal dan il-kumment, huwa jispjega:

> "*Issa jekk kienu qed jiffolowjaw il-metodi kif suppost l-anqas kien ikun hemm ghalfejn jiena mmur naghmel dan ir-rapport.*"

Mistoqsi jekk kienx qieghed jirreferi ghall-fatt li n-nies ma kienux mharrga ghall-qtil tal-ghasafar, ikompli biex jispecifika li dan il-gudizzju tieghu kien qieghed jesprimih f'dak li ghandu x'jaqsam il-"*bird scaring".*

Fil-fehma tal-Qorti huwa ritenut li meta wiehed iqis ix-xhieda kollha u d-dokumenti pprezentati mill-espert John Borg, li wara kollox tqabbad mill-istess socjetà appellanti sabiex tindirizza l-problema tal-ghasafar fil-mitjar, ghalkemm wara li sehh l-incident ilmentat mill-appellati, l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjonijiet milhuqa minnha a bazi tal-istess xhieda u tat il-piz xieraq lix-xhieda tieghu. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li ma tressqet l-ebda prova da parti tas-socjetà appellanti li qabel dan l-espert kien tqabbad xi espert iehor iwettaq studju dwar il-prezenza tal-ghasafar fl-ajruport. Tali studju huwa meqjus essenzjali sabiex tigi osservata l-obbligazzjoni tal-appellanta fil-gbir tal-informazzjoni u eventwalment tkun tista' tigi trattata l-problema ta' qatghat t'ghasafar prezenti fil-mitjar, li jistghu jipperikolaw is-sigurtà tat-tragitt permezz tal-ajruplani li jaghmlu uzu mill-ajruport ta' Malta.

Fit-tieni lok, u fir-rigward ix-xhieda ta' Lawrence Fenech li kien Kap Ezekuttiv tal-*Malta Air Traffic Services Limited* (MATS) fiz-zmien l-incident, fil-fehma tas-socjetà appellanti dan ix-xhud kien importanti peress li huwa kkonferma li qabel it-titjira KM 100 tat-2 ta' Dicembru, 2004 hadd ma rraporta *bird activity*. Meta mistoqsi jirrizultax lil dan ix-xhud il-fatt li s-socjetà konvenuta kienet ghamlet talba biex taghmel l-ispezzjoni tar-*runway* qabel it-titjira in kwistjoni, liema spezzjoni kienet michuda mill-MATS, dan ix-xhud jirrispondi li ma kellux rekord ta' talba f'dan is-sens. Spjega, però, li mhux normali li jkunu logjati fuq is-

sistema tal-MATS *routine inspections*, izda meta jkun hemm rapport t'ghasafar isir in-notament relattiv. Fil-fatt, wara l-incident, kienu l-MATS li talbu lis-socjetà konvenuta biex taghmel spezzjoni peress li kellhom rapport mill-bdot tal-istess KM 100 li sehhet *bird strike.* Is-socjetà appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta kkonkludiet a bazi tax-xhieda ta' Fenech li ma kienx hemm prova li effettivament talbet li taghmel spezzjoni izda twaqqfet mill-MATS. Dan peress li l-fatt li ma kienx hemm rekord tat-talba ghand il-MATS, (meta mhux normali li talbiet ta' rutina jigu nnotati), ma kellhiex twassal biex is-socjeta` appellanti tigi addossata bir-responsabbilita` ghal dak li sar.

Ghalkemm din il-Qorti tista' tifhem ir-raguni il-ghala s-socjetà appellanti qeghda tippuntwalizza x-xhieda moghtija minn Fenech, ghandu jinghad ukoll li kif sewwa josservaw is-socjetajiet appellati, filwaqt li huwa minnu li l-impjegati tas-socjetà appellanta jishqu li kien negat lilhom il-permess li jidhlu jaghmlu l-ispezzjoni mill-MATS, lanqas ressqu bhala xhud l-impjegat tal-MATS (identifikat bhala Michael Muscat) li effettivament kien xoghol dakinhar tal-incident, sabiex jikkorabora l-verzjoni taghhom. Wara kollox lanqas ma setghu jippretendu li jinghataw il-permess li jidhlu proprju fil-hin li l-ajruplan kien qieghed *taxing* fuq ir-*runway.*

Inoltrè jirrizulta wkoll element iehor li jixhet dubju fuq il-veracità tad-dikjarazzjoni tal-impjegati tal-appellanti, senjatament il-log tal-MATS tal-

gurnata tal-akkadut fejn gie rimarkat li ghalkemm wara l-*Bird Strike*, l-intimata kienet mitluba taghmel spezzjoni u twettaq *bird scaring duties*, jirrizulta li jinghad: ***"reaction time was a bit slow and eventually MIA 5 reported ready for inspection"***. Hawnhekk wiehed bilfors jistaqsi kemm effettivament huwa minnu li l-impjegati tal-appellanti kienu qeghdin jistennew l-awtorizzazzjoni tal-MATS biex jaghmlu l-ispezzjoni, meta jirrizulta dewmien da parti taghhom li jwettqu l-ispezzjoni minuta biss wara li telqet it-titjira KM100!

Ghalhekk ix-xhieda ta' Fenech m'ghandhiex tittiehed barra mill-kuntest, fis-sens li ghalkemm huwa minnu li Fenech jippreciza li ma kienux izommu rekords ta' spezzjonijiet ta' rutina, mill-provi jirrizultaw ukoll numru ta' fatturi ohra li l-ewwel Qorti kkonsidrat meta xehtet ir-responsabbilità fuq is-socjetà konvenuta. Tant hu hekk li kompliet biex tghid:

> "*din il-Qorti thoss ukoll, li anke kieku stess ghall-grazzja tal-argument li hija l-MATS li taghti l-permess sabiex vetturi li joperaw din id-despersal bird system jidhlu fuq ir-runway, jekk l-MIA thoss li jekk ma ssirx tali spezzjoni kien ser jinholoq perikolu lill-arjuplani, kemm dawk li ser jaslu, u kemm dak li kienu ser jitilqu, bhal fil-kaz in ezami, mela allura, kellha l-poter, u anke l-obbligu li twaqqaf tali titjiriet sakemm issir tali spezzjoni, u dan sabiex tipprovdi l-ajruport sikur lill-utenti tieghu. F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-provi juru li s-socjetà intimata kienet il-kumpanija li ddecidiet li ma taghmilx spezzjoni dak in-nhar u dan ghaliex il-hin li taghmel dik l-ispezzjoni kien jahbat ma' tluq ta' hin ta' ajruplan tal-Air Malta, u r-responsabbilta' ta' dan hija tas-socjetà konvenuta u ta' hadd izjed, u ma tistax is-socjetà konvenuta tahrab minn din ir-responsabbilta' u titfaha fuq il-MATS, u dan ghaliex l-operazzjoni tar-runway taqa' taht ir-responsabbilta' diretta tal-istess socjetà konvenuta.*"

Din il-Qorti taqbel ma' dak li nghad mill-ewwel Qorti specjalment meta wiehed jikkonsidra li jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta kienet twettaq zewg spezzjonijiet, wahda filghodu, ghall-habta tat-tmienja, u ohra filghaxija, qabel inzul ix-xemx, dawn l-ispezzjonijiet ma kienux marbutin ma' titjira partikolari. Inzerta li dakinhar tal-incident kien hemm zewg titjiriet ohra li ghamlu uzu mill-ajruport f'temp ta' ftit minuti qabel dik tal-KM 100, u cioè, KM 785 li nizel Malta fil-hin 07:47 u tluq iehor tal-flight KM 398 fis-07:59. It-tluq tal-KM 100 kien fit-08:05. Madankollu, bhal dik ta' qabilha, din il-Qorti tikkonsidra wkoll li dakinhar tal-incident, ix-xemx telghet fis-06.56 u l-ispezzjoni kienet tiehu bejn ghoxrin u tletin minuta u ghalhekk l-ghaqal ta' persuna responsabbli mill-operat tal-mitjar jiddetta li l-ispezzjoni ssir f'dak il-hin bejn meta telghet ix-xemx u qabel l-ewwel titjira, konsidrat li kien ghadu l-bidu ta' Dicembru, jigifieri vicin sew il-perjodu meta kien maghruf li kien hemm il-prezenza tal-isturnell fl-ajruport, li seta' jtellef mis-sigurtà mehtiega ghall-ajruplani li jaghmlu uzu mill-mitjar. Wara kollox l-istess ktejjeb prodott mill-intimata li jislet "*Official Obligations of the Aviation Services Department*", kien jindika li l-ispezzjoni ta' filghodu kellha ssir bejn is-07:00 u 08:30. Lanqas m'hi meqjusa skuzanti l-fatt li Fenech ikkonferma li dakinhar hadd ma kien ghadu rrapporta l-prezenza tal-ghasafar fil-mitjar, minkejja li kien hemm dawn iz-zewg titjiriet precedenti, peress li fl-ahhar mill-ahhar, mill-provi jirrizulta li l-obbligu principali ta' gbir ta' informazzjoni in

materja u kontroll tal-ghasafar fil-mitjar, kienet tispetta lis-socjeta` konvenuta.

Fit-tielet lok, is-socjetà appellanta tilmenta wkoll mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti meta minn ezami tax-xhieda ta' Joseph Bonnici u Paul Grixti, impjegati mal-appellanta, tikkonkludi li (i) ma kienx hemm sistema ko-ordinata ta' spezzjonijiet biex minnhom tinsilet l-informazzjoni relattiva; (ii) nuqqas ta' tahrig (specifiku) lill-impjegati u (iii) sistemi ta' rapurtagg tal-informazzjoni. Is-socjetà appellanti tittratta dawn il-kwistjonijiet individwalment biex issostni l-linja difensjonali taghha fejn tikkontendi li hija wettqet l-obbligi taghha.

Fil-kaz tas-sistema ta' spezzjonijiet, hija tishaq li kienet taghmel dawn l-ispezzjonijiet b'mod sistematiku ghall-ahhar, wahda kmieni filghodu wara li titla' x-xemx u l-ohra filghaxija, qabel inzul ix-xemx, liema spezzjonijiet kienu jkunu ta' madwar ghoxrin jew tletin minuta u li fihom jigi nnotat dak li seta' jkun ta' perikolu ghall-ajruplani u jittiehdu l-mizuri propizji, filwaqt li tikkontendi li kienu jsiru wkoll *perimeter inspections* u *ad hoc inspections*, li fihom kienu jittiehdu l-mizuri mehtiega ghal xi notifika li tkun saret minn bdot jew persuna ohra fl-ajruport, li fil-fehma tas-socjetà appellanta gew skartati mill-ewwel Qorti.

Minn ezami tal-analizi tar-rapporti pprezentati mill-intimata, din il-Qorti tosserva li fil-jiem ta' qabel l-incident ma gew imnizzla fl-istess rapporti li twettqu ebda ezercizzji ta' tgerrix tal-ghasafar, meta mill-provi li tressqu mill-ornitilogu espert, jirrizulta li f'dak l-istess zmien, skont id-database tal-*Birdlife*, kien hemm osservat f'granet differenti, il-prezenza ta' 3,000, 8,000 u sahansitra 12,000 sturnell fil-mitjar, kif ukoll minkejja li fin-NOTAMs (*Notices to Air Men*) tal-24 ta' Novembru, 2004, gie osservat "*Intense bird concentration observed over and in the vicinity of LMML aerodrome*"*.* Ghalhekk jigi nnotat li ghalkemm wiehed jista' jasal biex jghid li l-ispezzjonijiet mis-socjetà appellanti kienu jitwettqu b'mod konsistenti, dawn ma kienux qeghdin isiru b'mod effettiv f'dak li jirrigwarda l-kontroll tan-numru ta' ghasafar fil-mitjar.

Fil-verità l-ewwel Qorti osservat ukoll li l-ispezzjonijiet wara l-incident minn tnejn kuljum zdiedu ghal erbgha kuljum u dan kif konfermat mill-impjegati tas-socjetà konvenuta stess. Ghalkemm l-ispezzjonijiet tal-mitjar setghu jsiru kmieni hekk kif ikun sebah, dahlet prassi li l-ewwel spezzjoni ta' kuljum issir ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, minghajr konsiderazzjoni ta' fi x'hin jibdew it-titjiriet tal-ajruplani, meta fil-fehma tal-Qorti kien jaghmel sens li l-ewwel spezzjoni issir mal-ewwel hekk kif id-dawl tax-xemx jippermetti u mhux ikun hemm dilungar inutli, u dan fl-interess tas-sigurtà tal-ajruplani. Ghalhekk huwa ritenut li kienet

korretta l-ewwel Qorti meta stqarret li kien hemm nuqqas ta' ko-ordinazzjoni fis-sistema ta' spezzjonijiet.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' tahrig (specifiku) lill-impjegati, ghalkemm l-istess impjegati jinsistu li l-kumpanija mharrka kienet ipprovdiet tahrig, kemm fil-bidu tal-impieg taghhom, kif ukoll minn zmien ghal zmien, inkluz permezz ta' *lecturers* barranin, u kienu ppreparati li jiehdu l-azzjoni mehtiega f'waqtha u dan fl-interess tas-sigurtà, madankollu l-istess impjegati jixhdu li meta jkunu fuq barra fuq *ad hoc inspections* u jiehdu mizuri biex igerrxu l-ghasafar, ma kienux dejjem jinfurmaw l-ufficcju jew jiehdu n-notamenti opportuni. Dan meta wiehed mill-mizuri ta' *bird control* huwa proprju l-gbir tal-informazzjoni, u dan iwassal lill-Qorti biex tistaqsi kemm fil-verità l-impjegati kellhom tahrig specifiku sabiex jindirizzaw il-problema tal-ghasafar fl-ajruport, ladarba ma kienux ihossu l-htiega li jirrapurtaw dawn l-okkazjonijiet fejn hadu azzjoni sabiex jitgerrxu l-ghasafar. Fil-verità, kif tajjeb josservaw is-socjetajiet appellati, lanqas tressqet prova li s-socjetà appellanti kienet taghti xi tahrig specifiku lill-impjegati taghha fil-qasam ta' *bird control* jew *mitigation measures* lill-ufficjali taghha.

Fil-kaz ta' rapurtagg, ghalkemm l-appellanta tishaq li l-proceduri u sistemi ta' gbir t'informazzjoni kienu fis-sehh, ix-xhieda tal-impjegat Joseph Bonnici mhix daqshekk konsistenti li wiehed jista' jghid li hija

affidabbli. Kif ukoll, ghalkemm ix-xhud Paul Grixti jixhed li kienu jaghmlu nota ta' kull fejn jiehdu azzjoni, jghid li kienu jaghmlu wkoll rapporti permezz ta' e-mails, izda ma saret ebda prova ta' dawn it-tip ta' rapporti. Anzi minn ezami tar-rapporti ippreparati mill-impjegati tal-konvenut appellanti, imsejha *Aircraft Manoeuvring Area Checklist,* ma jirrizultax li fil-jiem ta' qabel l-incident gew innotati ammonti konsiderevoli t'ghasafar, kif izda jirrizulta mid-*database* tal-*Birdlife,* u lanqas li ttiehdu xi mizuri ta' *bird scaring* (li izda jirrizultaw fic-*checklists* tal-jiem ta' wara l-incident). Ghalhekk fir-rigward ta' dan l-obbligu wkoll, din il-Qorti tirriskontra nuqqas da parti tas-socjetà appellanti.

Meqjus dan kollu, l-ewwel aggravju tal-appellanti ser jigi michud peress li ma jirrizultax misthoqq.

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa bbazat fuq il-principju ta' *res inter alios acta* u li ghalhekk s-socjetajiet appellati m'ghandhomx id-dritt li jinvokaw favur taghhom disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' cens, ladarba dan il-kuntratt sar bejn il-Gvern u l-konvenuta appellanti u s-socjetajiet appellati kienu estranji ghalih. Is-socjetà appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti rriteniet li hija kienet marbuta kontrattwalment mill-Gvern sabiex thares l-obbligi internazzjonali fir-rigward il-qasam tal-avjazzjoni fl-operat taghha tal-mitjar ta' Hal Luqa u li ghalhekk ma kellhiex tipprova tistahba wara l-kuntratt bhal li kieku kellha xi immunità fil-konfront ta' terzi, u li

permezz tal-istess kuntratt pubbliku hija assumiet l-obbligi legali taghha sabiex topera l-imsemmi mitjar. L-ewwel Qorti rriteniet li ladarba tali kuntratt kien debitament registrat ghandu jkollu wkoll effett fil-konfront ta' terzi, inkluz is-socjetajiet attrici bhala utenti tal-mitjar.

Din il-Qorti thaddan il-principji legali esposti mis-socjetà appellanti taht dan l-aggravju, b'rispett ghall-principji illi jinstiltu kemm mill-Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili, (il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom), kif ukoll mill-Artikolu 1001 tal-istess Kodici (il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi).

Ghalkemm mad-daqqa t'ghajn wiehed jista' jikkoncedi li dan l-aggravju huwa fondat, madankollu dawn il-provvedimenti ma jistghux jinqraw in izolament u jitwarrbu principji ohra legali pertinenti ghall-kaz li fuqhom tista' tissejjes ir-responsabbilità tas-socjetà appellanti. Jigi rilevat li mhux kontestat li s-socjetà appellanti assumiet l-operat tal-mitjar permezz tal-istess kuntratt ta' cens. L-operat ta' mitjar igib mieghu l-adozzjoni ta' *standards* internazzjonali ta' sigurtà li ghandhom jigu mharsa (hekk kif jirrizulta mill-Annex 14 tal- *Convention on International Civil Aviation*). L-istess konvenzjoni tidentifika zewg obbligi principali fil-qasam ta' *bird control*:

1. Illi tassigura li qed jittiehdu l-mizuri kollha sabiex jitgerrxu jew jitbeghdu l-ghasafar minn fuq l-*airfield* permezz ta' mezzi idoneji; u

2. Illi jkollha sistema effettiva ta' gbir ta' informazzjoni dwar il-prezenza ta' tjur fl-ajruport sabiex din l-istess informazzjoni hekk kif tingabar tigi trasmessa adegwatament lil kull min ghandu interess illi jkun jaf biha.

Mhux kontestat li s-socjetà appellanti assumiet ir-responsabbilità li zzomm ir-*runway* sigur*,* li necessarjament isegwi li jinkludi l-ezercizzju ta' *bird scaring.* F'dan is-sens wiehed jista' jara x-xhieda ta' Joseph Schiavone tat-28 t'April, 2008, kif ukoll id-Dokumentipprezentat minnu intitolat "*Official Obligations of the Aviation Services Department*". Lil hinn mill-kuntratt ta' cens, l-istess socjetà appellanti accettat l-obbligi taghha fil-konfront ta' terzi meta, skont l-istess *Aerodrome Manual,* mahrug minnha proprju f'Dicembru, 2004, li kien ippreparat sa minn Gunju tal-istess sena u approvat f'Awwissu 2004, gie elenkat l-hekk imsejha:

> "*Tasks for Bird Control*
>
> - "*The Aviation Services Department shall maintain surveillance for bird activity on the movement areas and in the close vicinity of the aerodrome perimeter fence.*
> - "*Implement active bird control measures to counter any hazard detected.*
> - "*Warn pilots through ATC whenever potential hazards cannot be countered immediately.*

- "*File NOTAMs, as appropriate, during peak periods of bird activity.*
- "***<u>Patrol the airport regularly during defined periods, early morning, mid-day, afternoon and evening. More frequent inspections during migration season for black starlings</u>****. Distress signal techniques to remove birds from operational areas will be applied. MIA plc may be assisted by Malta Air Traffic Services in this matter.*
- "*Record and inform the Manager Aviation Services of all developments with potential to affect the efficient performance of the bird control task.*
- "*Logging of data on the Aerodrome Inspection Sheet.*"

Ga ladarba l-appellanti assumiet ir-rwol tal-operatur tal-mitjar, inkluz dawk l-elementi kollha fil-kontroll tal-ghasafar fil-mitjar, hija kellha twettaq dawk l-obbligi bhal missier tajjeb tal-familja u ghalhekk isegwi wkoll li hija kellha tirrispondi ghal dawk in-nuqqasijiet fil-qadi tal-funzjonijiet taghha u ghad-danni konsegwenzjali. Wara kollox kif gustament osservat l-ewwel Qorti, il-pretensjonijiet tas-socjetajiet attrici ghad-danni mhumiex naxxenti direttament mill-kuntratt ta' cens *per se*, izda mill-obbligi li assumiet is-socjetà appellanti meta accettat ir-rwol ta' operatur tal-mitjar, bir-responsabbiltajiet legali kollha li jigu ma' tali rwol. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghandhom ragun is-socjetajiet appellati meta jikkontendu li ladarba s-socjetà appellanti tiggestixxi proprjetà pubblika u attività kummercjali li ghandha tigi operata b'certu normi jew parametri, isegwi li fin-nuqqas ta' tharis ta' dawk in-normi jinstiltu d-drittijiet ta' terzi li gew danneggjati konsegwenza tan-nuqqas fl-operat tas-socjetà appellanti.

Isegwi li d-danni mitluba mis-socjetajiet atturi huma proprjament naxxenti minn *culpa aquiliana,* kif wara kollox tipprovdi l-ligi meta tghid li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili); li jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1) tal-istess Kodici); u kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb jaghmel hsara, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' ghaqal, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk (Artikolu 1033 tal-Kodici Civili).

Ghalhekk, ghalkemm dan l-aggravju ma kienx wiehed fiergha, mhux ser inaqqas jew inehhi r-responsabbilità tas-socjetà appellanti, u sejjer jigi michud.

It-tielet aggravju jindirizza l-ilment li l-interpretazzjoni tal-kuntratt pubbliku da parti tal-ewwel Qorti ma kenitx mehtiega, ladarba d-disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' cens bejn il-Gvern u s-socjetà appellanti huma cari. Is-socjetà appellanti tishaq li mill-kuntratt ta' cens huwa car li l-*airfield* innifisha ma tiffurmax parti mill-koncessjoni enfitewtika. Fil-fehma tas-socjetà appellanti, il-kuntratt jobbligaha tadotta regoli rizultanti minn trattati internazzjonali fejn hija ghandha l-koncessjoni enfitewtika, izda ma jistax jinghad l-istess ghall-*airfield,* li mhix inkluza

fil-koncessjoni enfitewtika. Is-socjetà appellanti, pero`, tikkoncedi li hija responsabbli ghall-immaniggjar tal-istess *airfield*, izda dan skont il-kundizzjonijiet annessi mal-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika. Is-socjetà appellanti tikkontendi li ladarba l-kundizzjonijiet ma kienux imressqa bhala prova quddiem l-ewwel Qorti, hija ma setghet qatt tassumi li l-kundizzjonijiet applikabbli ghall-*airfield* kienu l-istess obbligi bhal dawk rizultanti mill-koncessjoni enfitewtika, meta l-partijiet fil-kuntratt zammew dawn l-obbligi separati u distinti. Is-socjetà appellanti ssostni li filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet tal-ICAO u l-konvenzjoni, ghandhom japplikaw ghas-sit moghti b'koncessjoni ta' cens, dawn l-obbligi ma japplikawx ghall-*airfield,* peress li hija ma kenitx taqa' taht il-parametri tal-ftehim ta' cens, liema maniggjar huwa regolat separatament.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ilment huwa pjuttost fieragh, peress li ghalkemm ir-ragunament maghmul mis-socjetà appellanti in kwantu bbazat fuq l-Artikoli 1002 u 1003 tal-Kodici Civili huwa legalment korrett, madankollu, hija min-naha qeghda targumenta li l-kuntratt ta' cens huwa *res inter alios* acta u ghalhekk m'ghandu jkollu ebda effett fir-rigward ta' terzi, u fl-istess waqt hija qeghda tinvoka l-klawzoli tal-kuntratt u tippretendi li l-provvedimenti tal-kuntratt jigu interpretati mill-Qorti *ad litteram* sabiex tipprova tiskolpa lilha nnifisha.

Huwa principju fundamentali li, ladarba hija ghandha r-responsabbilità tal-immaniggar tar-*runway*, u adottat certu *standards* bhala mizuri ta' sigurtà, jekk hija tonqos milli tosserva dawn l-i*standards*, ma tistax ma tinstabx responsabbli ghal ksur, diment li l-komportament taghha jitqies li kien agir imwettaq b'negligenza. Dan huwa proprju l-punt krucjali; l-ewwel Qorti ezaminat id-dokument mahrug mis-socjetà appellanti fil-qasam ta' *Wild Life Management* f'Dicembru, 2004 u elenkat numru ta' obbligi fil-qasam ta' kontroll ta' ghasafar fl-ajruport (li fihom ma hemm ebda dubju li jinkludu r-*runway*), li rrizulta ma gewx imharsa mis-socjetà appellanti. Lil hinn mill-provvedimenti tal-kuntratt, galadarba s-socjetà appellanti kienet responsabbli li timmaniggja proprjetà pubblika u fl-operat taghha jirrizulta li kien hemm element ta' negligenza jew nuqqas ta' prudenza fl-operat taghha, tiskatta r-responsabbilità fil-konfront ta' terzi, f'dan il-kaz is-socjetajiet appellati. Minkejja dak kollu li jipprovdi l-kuntratt ta' cens, is-socjetà appellanti ghandha twiegeb ghall-ghemil taghha li jirrizulta negligenti u nieqes mill-prudenza, fil-konfront tas-socjetà appellata, li topera l-ajruplani fil-mitjar maniggat minnha, li konsegwenza tal-istess agir ikkawzat danni.

Din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tirriskontra wkoll kontradizzjoni fil-pozizzjoni tas-socjetà appellanti meta min-naha tghid li ma ghandha ebda obbligu li ssegwi r-regoli tal-ICAO, li huma biss rakkomandattivi, u fl-istess waqt tressaq id-difiza li dawn ir-rakkomandazzjonijiet u *standards*, fi

kwalunkwè kaz, gew adoperti minnha. Kull entità li tiggestixxi proprjetà pubblika, kemm jekk tadotta numru ta' regoli u *standards*, u kemm jekk le, ghandha twiegeb ghall-ghemil taghha, fejn fil-gestjoni imwettaq minnha, l-agir taghha iwassal ghal xi telf lil terzi li jinkorru d-danni konsegwenza diretta tal-agir ta' dik l-entità. Hija meqjusa wkoll rilevanti l-osservazzjoni tas-socjetajiet appellati dwar l-applikazzjoni tal-principju ta' *negotiorum gestor* u l-artikoli tal-ligi li jipprovdu wkoll ghad-dmirijiet ta' persuna li twettaq tali funzjoni, inkluz l-uzu tal-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja (ara f'dan is-sens l-Artikoli 1013 u 1015 tal-Kodici Civili).

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kenitx qeghda twettaq semplicement interpretazzjoni tal-kuntratt tal-koncessjoni enfitewtika, izda wkoll apprezzament xieraq tal-fatti rizultanti mill-provi mressqa quddiemha sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha.

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmeritax l-akkoljiment tieghu.

Ir-raba' aggravju tal-appellanti jittratta proprju d-difiza principali tas-socjetà appellanti, dak fejn issostni li l-akkadut kien rizultat ta' cirkostanzi barra mill-kontroll taghha. Is-socjetà appellanti ssostni li hija ghamlet dak kollu li setghet taghmel u li mxiet bil-grad ta' diligenza u prudenza kif rikjesti mil-ligi, izda li l-incident kien rizultat ta' kaz fortuwitu.

Isegwi li s-socjetà appellanti qed tibbaza d-difiza taghha fuq l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

"*Kull hsara li tigri b'accident jew forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*"

Is-socjetà appellanti ticcita numru ta' fatturi in sostenn tal-linja difensjonali taghha, bhal li ma kellhiex kontroll fuq l-agir tal-MATS, li kellha setghat li jmorru oltrè minn dawk taghha, f'dak li jirrigwarda access ghar-*runway,* u li ghalhekk l-ispezzjonijiet li kienu jaqghu fl-operat taghha kienu suggetti ghall-permess tal-MATS. Hija ticcita x-xhieda ta' Lawrence Fenech f'dan ir-rigward, izda fil-fehma tal-Qorti l-aktar parti importanti mix-xhieda ta' Fenech hija meta jghid:

"*Avukat: X'livell t'importanza tinghata Runway Inspection mill-MATS?*

"*Lawrence Fenech: Il-livell importanti ghax ahna responsabbli li naghtu l-ending clearance lill-ajruplani…u ghaldaqstant* ***irridu nkunu certi illi r-runway huwa safe, ghax ahna dik il-kelma hija l-aktar importanti ghalina, biex l-ajruplan ikun jista' jaghmel take-off jew jaghmel landing.***

"*Avukat: Jigifieri jekk ikun hemm dubju illi r-runway mhix safe…*

"*Lawrence Fenech: Ha naghtik ezempju, jekk f'daqqa wahda xi hadd jirraporta li dahal kelb fuq ir-runway, l-ajruplan… ma thalihx jillandja, ma jmissiex ir-runway, jerga' jitla'. You break off his approach ghax hemm an object on the runway. Jista' jkun miexi, jista' jkun wieqaf."*

"….. ***No, no – l-obbligu kien dejjem tal-MIA. L-MIA ghandha, wara li ghamilna dan il-ftehim, l-obbligu li r-runway hija safe hija ta' l-MIA. …***

"***…jekk l-MIA jghidulna: isma jiena rrid naghmel inspection ghax hemm rapport ta' bird scaring – mhux ser inhalli l-ajruplan***

> ***jillandja qabel ma ssir dik l-inspection.***" (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Minn din ix-xhieda jirrizulta car kif kienet il-gerarkija tat-tmexxija fil-mitjar, izda aktar importanti dwar min kellu l-oghla grad t'awtorità. Il-kondizzjoni assoluta li kellha tkun cara f'mohh kulhadd kellha tkun dik li kull min jopera fil-qasam tal-avjazzjoni kellu jaghti prijorità assoluta lis-sigurtà tal-ajruplani li jaghmlu uzu mill-mitjar.

Din is-sigurtà fil-mitjar kienet tigi mharsa fost affarijiet ohra permezz ta' numru t'attivitajiet fil-qasam tal-kontroll ta' tjur fil-mitjar inkluz: *Reporting, NOTAMs u Bird Dispersal. Is-socjetà* appellanti tikkontendi li kien hemm certu mizuri bhal l-ATIS (*Aerodrome Terminal Information System*) li permezz taghha diversi persuni, inkluz il-bdoti, ikunu jistghu jaghmlu rapport ta' cirkostanzi bhal *bird hazard* li jkunu osservaw. Permezz ukoll tal-uzu mis-sistemi li ghandhom fl-ajruport, tohrog forma ta' komunikat istantanja imsejha NOTAMs. Mhux kontestat li dakinhar tal-incident ghalkemm filghodu kien hemm zewg titjiriet ohra ma gie lloggjat fuq is-sistema tal-MATS ebda rapport ta' *bird activity* f'dan is-sens. Tishaq ukoll li mix-xhieda tal-kaptan Busuttil li kien assenjat it-titjira KM 100 dakinhar tal-incident, jirrizulta li kien maghruf lilu l-prezenza tal-ghasafar f'dawk iz-zminijiet.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak kollu espost mis-socjetà appellanti jissenjala aktar l-importanza tar-rwol taghha fit-twettiq ta' dmirijietha, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-gbir tal-informazzjoni dwar il-prezenza ta' tjur fl-ajruport. Dan kollu juri wkoll in-nuqqasijiet fil-mizuri ta' prevenzjoni adottati minnha sabiex f'dawk il-perjodi, meta jkun maghruf li l-prezenza tat-tjur tkun aktar accentwata, tiehu l-mizuri kollha mehtiega sabiex tnaqqas il-possibiltà li ssehh *bird strike* u dan biex tassigura ruhha li l-mitjar tabilhaqq ikun sigur ghall-ajruplani li jaghmlu uzu minnu.

Ghalkemm wiehed jifhem li kull min jahdem fl-ajruport bhal bdoti u ufficjali ohra wkoll ghandu jkollhom dik is-sens ta' responsabbilità li jirrapurtaw il-prezenza ta' tjur lil MATS sabiex din titrasmetti l-informazzjoni fuq l-ATIS, is-socjetà appellanti ma tistax tistrieh fuq in-nuqqas ta' rapport da parti ta' terzi bhala indikazzjoni li ma kellhiex tistenna l-prezenza tat-tjur dakinhar tal-incident. Il-fatt li ma dahalx rapport minn terzi ma kellux jittiehed mis-socjetà appellanti li jfisser nuqqas ta' prezenza ta' tjur u ghalhekk l-importanza li jsiru l-ispezzjonijiet fil-hin propizju u fuq bazi regolari. Wara kollox kif intqal qabel, mid-*database* tal-*Birdlife,* fl-istess zminijiet tirrizulta lampanti l-prezenza qawwija ta' sturnell fil-mitjar, minkejja li fis-sistema ma dahal ebda rapport simili. Dan juri li s-sistema adoperata mis-socjetà appellanti rigward il-gbir t'informazzjoni ma kenitx affidabbli, tant hu

hekk li wara l-incident zdiedu n-numru ta' spezzjonijiet billi rdoppjaw u sahansitra tqabbad l-espert sabiex jassistiha fl-ezami ta' diversi mizuri ta' kontroll tal-prezenza tat-tjur fil-mitjar, kif wara kollox kienet titlob id-diligenza ta' min jiggestixxi l-operat tal-ajruport. Din il-Qorti tinsab certa li kieku l-ispezzjonijiet fil-granet precedenti saru bil-prudenza u diligenza mehtiega is-socjetà appellanti kien jirrizultalha l-istess informazzjoni li rrizultat lil *Birdlife* u konsegwentement tiehu l-mizuri mehtiega.

Lanqas m'hi meqjusa skuzanti t-topografija ta' madwar il-mitjar kif tittanta tghid is-socjeta' appellanti. Din it-topografija, in kwantu hemm il-barrieri u l-ghelieqi, ma nbidlitx, kif lanqas ma kellha tkun sorpriza l-fatt li l-inhawi tal-mitjar kienu dikjarati bhala rizerva naturali, u dana peress li kienu hekk dikjarati sa mis-sena 1994. Dan kollu kellu jkun ben maghruf ghas-socjetà appellanti qabel ma dahlet ghall-inkarigu taghha u ghalhekk kien jispetta lilha li tadotta mizuri effettivi ta' kontroll fil-prezenza tat-tjur fil-mitjar.

In kwantu ghad-difiza ta' forza magguri, meta fliet l-assjem tal-provi migbura fl-atti, ghar-ragunijiet appena esposti, ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-passi li ttiehdu mis-socjetà appellanti kienu effikaci u effettivi biex tiskansa kull dannu possibbli lill-utenti tal-mitjar. Ma tistax tinheba wara d-difiza ta' forza magguri peress li kkontribwiet ghall-akkadut bin-nuqqasijiet riskontrati fl-operat taghha.

Lanqas ma tista' s-socjetà appellanti ssib konfort fl-element ta' imprevedibilità tal-akkadut, ladarba kien ben maghruf li fiz-zmien in kwistjoni kien wiehed fejn il-prezenza tal-isturnell kienet dejjem wahda konsiderevoli, kif ukoll li fl-24 ta' Novembru, 2004 kien proprju nhareg NOTAMs fejn giet nnotata prezenza qawwija ta' tjur fil-mitjar. Dan kellu jkun bizzejjed sabiex tadopera d-diligenza mehtiega fl-ezekuzzjoni tal-qadi tad-dmir taghha, meta twettaq l-ispezzjonijiet, sabiex dawn ikunu effettivi sabiex tigi mharsa s-sigurtà fl-uzu tal-mitjar.

In tema ta' forza magguri, fir-rigward tad-difiza tal-kaz fortuwitu, il-gurisprudenza hi cara fis-sens li huwa ritenut li meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-2 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet **L-Imhallef Vincent DeGaetano et v. Stefan Cordina et nomine** fejn inghad:

> "*Kif intqal fis-sentenza Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et deciza fl-24 t'April 2015:*
>
> > "*….il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pozittiv jew negativ, tal-bniedem. Skont il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias".*
> >
> > "*Persuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuwitu, jew forza magguri jew stat ta' necessità biex tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'. (Ara decizjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca Raymond Sammut vs Anthony Micallef deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imhallef G. Valenzia, u Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea deciza fl-24 ta' Mejju 1954 mill - Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet Mikiel Refalo pro et noe vs*

> *Pawlu Curmi deciza fit-13 ta' Jannar 1988 deciza mill-Qorti ta' l-Appell.*"

Ghalkemm fil-kaz odjern il-hsara kienet konsegwenza tal-impatt bejn l-ajruplan tas-socjetà appellata linja tal-ajru u qatgha t'ghasafar, hlejjaq tan-natura, l-operatur tal-mitjar, f'dan il-kaz is-socjetà appellanti, kellha d-dover li tadopera l-prekawzjonijiet kollha mehtiega, inkluz l-ispezzjonijiet regolari, u f'waqthom, ir-rapportagg effettiv tal-prezenza tal-ghasafar fil-mitjar, prekawzjonijiet sabiex inaqqsu l-prezenza tal-ghasafar bhal li ma jinqatax il-haxix daqstant vicin ir-runway u li jigu simentati l-partijiet tar-runway, kif rakkomandat mill-espert ornotologu, kif ukoll li tadotta mezzi diversi ta' tgerrix tal-ghasafar, inkluz mezzi li jadoperaw l-ghajjat tal-ghasafar, u l-uzu ta' sparar ta' *shell crackers* (kif imsemmi fid-dokument mahrug mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili esebit mill-Kaptan Dennis Caruana).

Isegwi li din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti meta rriskontrat nuqqasijiet fl-operat tas-socjetà intimata, u ma tinsabx konvinta li s-socjetà appellanti tassew ghamlet dak kollu li kien fil-kontroll taghha sabiex jigi evitat l-incident in ezami, jew li tista' tirnexxi l-linja difensjonali ta' forza magguri, u jsegwi li lanqas dan l-aggravju ma jisthoqq li jigi milqugh.

In kwantu l-hames aggravju li jikkoncerna r-responsabbilità ghall-incident in ezami, is-socjetà appellanti tispjega illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha a bazi ta' numru ta' elementi principali, tlieta minnhom jirrelataw max-xhieda partikolari li gew ezaminati taht l-ewwel aggravju. Fattur iehor elenkat huwa dwar il-possibilità li l-ispezzjoni setghet titwettaq qabel ma sehh l-incident in ezami dakinhar tal-akkadut, li wkoll giet trattata taht l-ewwel aggravju. B'zieda ma' dawk il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tistqarr li tinsab konvinta li s-socjetà appellanti, b'naqra hsieb ghaqli u b'ko-ordinazzjoni ahjar mal-MATS, setghet facilment twettaq l-ispezzjoni ta' filghodu, rakkommandata li ssir wara tlugh ix-xemx u qabel ma bdew it-titjiriet tal-ajruplani fil-gurnata li sehh l-akkadut.

L-ahhar fattur importanti li tilmenta minnu s-socjetà appellanti li ntuza' mill-ewwel Qorti sabiex tigi akkollata fuqha r-responsabbilità, huwa l-fatt li wara l-incident irduppjaw in-numru ta' spezzjonijiet. Fil-verità, kif sewwa josservaw is-socjetajiet appellati, wiehed mix-xhieda tas-socjetà appellanti stess jispjega li l-*Official Obligations of the Aviation Department,* li kienu ppreparati sa minn Gunju, 2004, jigifieri xhur qabel l-incident, effettivament kienu jirrakomandaw li jsiru erba' spezzjonijiet matul il-gurnata, u sahansitra aktar spezzjonijiet frekwenti fl-istagun meta l-isturnell ikun prezenti f'Malta. Ezaminati dawn il-fatti, qajla jista'

jinghad li s-socjetà appellanti qdiet id-doveri taghha bid-diligenza mehtiega.

Is-socjetà appellanti tilmenta wkoll li l-Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom peress li minn imkien ma rrizulta li kellha tadotta aktar minn metodu wiehed ta' tgerrix tal-ghasafar jew li kien hemm xi awtorità li tesigi dan. Effettivament kuntrarjament ghal dak espost mis-socjetà appellanti, jirrizulta kemm mir-rapport tal-ornitologu li jsemmi numru ta' "*mitigation measures*"*,* kif ukoll mill-istess dokument mahrug mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, li hemm diversi mizuri ohra li setghu jittiehdu bhala *dispersal measures.* L-*Airport Services Manual Part 3 – Bird Control and Reduction,* fit-tmien Kapitlu jghid li hafna drabi ghandu jintuza' aktar minn metodu wiehed sabiex ikun effettiv.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati minn delitt jew kwazi delitt, mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjetà tieghu, izda jehtieg ukoll li jipprova li dik il-hsara tkun gejja mill-agir tal-konvenut jew li dan b'xi mod ikkontribwixxa ghaliha (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Novembru, 1984, fil-kawza fl-ismijiet **Piju Bezzina v. Indri Galea**).

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjonijiet bhal tal-ewwel Qorti qabilha, meta rriskontrat negligenza u traskuragni da parti tas-socjetà konvenuta fil-qadi tal-operat taghha, li wasslu ghall-hsara li minnha jilmentaw is-socjetajiet appellati. Partikolarment, kien hemm nuqqasijiet serji da parti tas-socjetà konvenuta ghaliex (i) kien uzat metodu wiehed biss ta' *bird dispersal* illi kien manifestament inadegwat biex igerrex l-ghasafar mill-mitjar; (ii) li dak il-metodu wzat ma kienx qed jintuza b'mod effettiv, u (iii) ma kienx hemm sistema ta' gbir ta' informazzjoni effettiva ghall-fini ta' *bird control*. Dan iwassal sabiex jigi ritenut li l-agir tas-socjetà konvenuta ma kienx konformi mal-grad ta' diligenza rikjest mill-operatur ta' ajruport sabiex jipprovdi ajruport sigur ghall-utenti tieghu.

Ghandu jkun ritenut pacifiku wkoll, li suggett delikat bhalma hija s-sigurtà fl-avjazzjoni civili, is-socjetà appellanti bhala operatur tal-mitjar ta' Hal Luqa, ghandha d-dover li tassigura (i) kemm li timmantjeni u tissorvelja l-mitjar sabiex ikun fi stat tali li jista' jintuza' mill-ajruplani minghajr periklu, inkluz li jittiehed kull mezz previst u preskritt taht il-*Convention on International Civil Aviation*, partikolarment f'dak li ghandu x'jaqsam ma *Bird Control and Reduction* (*Airport Services Manual – Part 3 Bird Control and Reduction, Annex 14*); kif ukoll (ii) tosserva l-provvedimenti tal-*Convention on International Civil Aviation* f'dak li

ghandu x'jaqsam ma *Bird Strike Reduction,* partikolarment il-gbir ta' informazzjoni effettiva.

Kif ritenut minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru, 2011, fl-ismijiet **Victor Cassar et v. HSBC Bank Malta plc et:**

> "*Fil-kawza Carmela Fenech proprio et nomine v. Antonio Galea jinghad: "F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, id-diligenza li hija necessarja biex tnehhi r-responsabbilità hija dik medja, ossia ordinarja, cioè dik ta' bniedem prudenti*."

F'dan il-kuntest jinghad li mill-assjem tal-provi ma jirrizultax lil din il-Qorti li s-socjetà appellanti f'dan il-kaz adoperat id-diligenza u l-prudenza mistennija minnha, sabiex tassigura l-uzu sigur mill-utenti tal-mitjar u ghalhekk ghandha tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali li sofrew is-socjetajiet appellati minhabba n-nuqqasijiet taghha.

Ghalhekk dan il-hames aggravju wkoll ser jigi michud.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tal-appellanti, dak relattiv ghall-mitigazzjoni tad-danni. Is-socjetà appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet li ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti taghha fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti fl-ammont ta' danni. Hija tishaq li l-opposizzjoni taghha tinsab riflessa kemm fir-risposta taghha, kif ukoll fil-kontro-ezami li ghamlet lil Saviour Falzon. Tilmenta li hemm nuqqas ta' ness car bejn il-provi prodotti u l-fatt li l-ispejjez kienu kollha utilizzati fit-tiswija tal-hsara tal-ajruplan involut fil-*bird srike* li sehh fit-2 ta'

Dicembru, 2004. Tikkontendi li l-element l-aktar kontestat da parti taghha huwa dak l-element ta' *labour costs*, senjatament in-numru ta' sieghat li jinghad intuzaw sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega.

Din il-Qorti ezaminat l-elenku tal-ispejjez relattiv ghat-tiswijiet mehtiega fuq l-ajruplan 9H-AEJ, wara l-*bird strike*, inkluz il-materjal adoperat fit-tiswijiet, kif ukoll dak li huwa l-*labour element,* li jinkludi kemm it-tindif, kif ukoll it-tiswijiet. Rat id-diversi fatturi, kif ukoll il-korrispondenza relattiva ghall-istess fatturi, l-ispjegazzjonijiet moghtija minn Saviour Falzon, kif ukoll l-affidavit ulterjuri tieghu fejn gew esebiti numru ta' e-mails li jikkonfermaw kemm il-hlas ta' fatturi, kif ukoll skambju ta' korrispondenza ohra relattiva ghat-tiswijiet tal-ajruplan involut fl-akkadut in ezami.

Filwaqt li tikkoncedi li s-socjetà appellanti fil-fatt ikkontestat il-*quantum* ta' danni pretiz mir-rikorrenti, jigi nnotat minn din il-Qorti li s-socjetà appellanti ma ressqet ebda prova sabiex tipprova xxejjen dak pretiz mis-socjetajiet appellati jew li biha kkontestat l-kredibilità tax-xhieda taghhom u l-provi mresqqa minnhom dwar id-danni. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas ma jregi l-argument tas-socjetà appellanti fejn tikkontendi li s-sieghat tal-*overtime* biss ghandhom jitqiesu ghall-fini tal-ezercizzju tad-danni fil-kawza odjerna, peress li s-sieghat normali kienu xorta jithallsu bhala parti mis-salarju tal-impjegati tar-rikorrenti. Dan l-argument fil-fehma ta' din il-Qorti huwa fallaci, peress li certament l-impjegati setghu

jigu adoperati fuq xogholijiet ohra fil-kors tal-impieg taghhom. Jinghad ukoll li ladarba s-socjetà appellanti qeghda tigi mizmuma responsabbli ghall-incident, kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali, isegwi li l-hlas tal-pagi tal-haddiema, impenjati fit-tiswijiet li kienu mehtiega bhala rizultat dirett tal-incident, ghandhom jigu sopportati mill-istess socjetà appellanti.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex tiddubita l-pretensjonijiet fl-ammonti ta' danni kif imressqa mir-rikorrenti appellati u ghalhekk dan l-ahhar aggravju wkoll mhux ser jintlaqa'.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjetà konvenuta Malta International Airport plc, billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma fis-shih is-sentenza tas-7 ta' Frar, 2012.

L-ispejjez kollha tal-kawza, kemm tal-prim istanza, kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jithallsu mill-istess socjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb